It-Tmintax-il Sena Jannar-Marzu Għadd 203-205

# Leħen il-Malti

## MAHRUĠ
## MILL-"GHAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA')

**FIL-ĠLIED GĦALL-ĦAQQ IGĦAQQADNA L-MALTI**
**GĦAX FQAR JEW GĦONJA LKOLL MALTIN.**

X'FIH DAN IL-GĦADD


| | |
|---|---|
| Editorjal | Prof. G. AQUILINA, B.A., LL.D. Ph.D. (Lond.). |
| San Tumas t'Akwinu | Patri P. GALEA, O.P. |
| Il-Qniepen | G. ELLUL MERCER |
| *Quo Vadis?* | R. BRIFFA, M.D., B.Sc. |
| *Il-Batterija tal-Ħandaq* | W. GULIA, Ph.C., B.Sc. |
| *Ix-Xewk* | A. BUTTIGIEG, B.A., LL.D. |
| *Il-Wardija u l-Gwerra* | E. AGIUS, B.Sc., M.D., D.Bact. |
| *Il-Warda* | Sna. YVONNE GATT |
| *Ħabakuk* | R.M.B. |
| *Il-Madalena* | A. ZAMMIT GABARRETTA |
| Is-Saqaf | G. GALEA, M.D., D.P.H. |
| *Mal-Mewġ* | ĠUŻI V. GALEA. |
| Rapport tas-Segretarju tal-"Għaqda tal-Malti (Università)" għas-sena 1947 | |
| Nisel il-Kliem | Prof. G. AQUILINA |
| Reċensjoni | Prof. Mgr. P. P. SAYDON, B.L.Can., D.D., Lic.S.Script. |

ALL SORTS OF EDUCATIONAL AND

ECCLESIASTICAL BOOKS

CAN BE OBTAINED FROM

# A. C. AQUILINA & Co.,

55d, KINGSWAY, VALLETTA.

(TEL. CENTRAL 4774.)

---

GĦALL-ISTUDJU TAL-MALTI

IXTRU:

AN INTRODUCTION TO MALTESE FOLKLORE

(Jinbiegħ 1s. 9d. mit-"Times of Malta").

ID-DJALOGI TA' DE SOLDANIS

(Jinbiegħ 1s. minn għand il-Kittieb: 18, Triq S. Andrija, il-Belt).

Ta' Ġ. CASSAR PULLICINO.

# LEĦEN IL-MALTI

JANNAR-MARZU | IT-TMINTAX-IL SENA | Għadd 203-205


## *L-INGLIZ TA' MALTA*


*Editorjal tal*-Prof. G. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)


*L-ILSIEN barrani li jintkellem l-aktar hawn Malta hu l-Ingliż, ilsien ta' ġens qalbieni li, bħal dak tar-Rumani ta' żmien l-Imperaturi, xtered ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. Daqs kemm infirex, nistgħu ngħidu li wkoll li kieku l-Ingilterra fit-taqlib tal-ġrajja mhawda ta' żmenijietna kellha titlef għal kollox il-qawwa tagħha, kienet tibqa' żżomm is-setgħa tal-kelma, jiġifieri ta' l-ilsien Ingliż li issa sar l-ilsien tad-Dominji u ta' l-Amerka li n-nies tagħha huma miġburin mill-ħafna razez tal-bniedem sew suwed kemm bojod.*

*Li aħna nitgħallmu bl-Ingliż, mela, jaqbel ħafna għalina għax tagħlim l-Ingliż mhux tagħlim fil-fieragħ li tista' tibdlu ma' tagħlim ilsien ieħor ta' fejda anqas. Imma mbarra milli għall-ħtieġa tiegħu materjali l-Ingliż hu ta' min jitgħallmu wkoll għall-ġmiel u qawwa tal-letteratura tiegħu kbira li għandha storja mill-isbaħ ta' prożaturi u poeti li tul is-sekli fissru l-qalb u l-moħħ ta' l-Ingilterra. Dan hu l-kobor ta' l-Ilsien Ingliż fil-kummerċ ta' bejn il-ġnus u l-letteratura tad-dinja. Meta nsemmu l-kobor u l-ħtieġa ta' l-Ingliż ma rridux b'daqshekk innaqqsu mill-kobor ta' ilsna oħra meħtieġa bħalma huma l-Franċiż, it-Taljan u l-Ispanjol. Irridu nuru biss kemm hu ta' ġid kbir għalina t-tagħlim ta' l-Ilsien Ingliż li, imħabba l-fehmiet imgħawġa ta' xi nies qodma, dam ħafna biex daħal sewwa fl-iskejjel ta' Malta. Misserijietna, mogħmijin wara t-Taljan, ilsien mill-kbar fost oħra kbar, kienu jitmeżmżu u jitgerrxu kull meta kienu jaraw l-Ilsien Ingliż jieħu xi ftit tar-ruħ f'Malta.*

*Qabel ma lsien il-poplu ġie f'tiegħu, il-ġlieda ta' l-ilsna kienet bejn l-Ingliż u t-Taljan. Kien hemm żmien meta l-istudju ta' l-Ingliż fl-Università kien isir bil-għażla, jiġifieri l-istudenti kienu jeħduh bħala suġġett jekk iridu. Mhux ħaġa kbira, mela, li l-ġlieda twila ta' l-ilsna maqtugħa b'wiċċ il-ġid mill-Assemblea Nazzjonali fl-1945, ħalliet warajha tifkiriet koroħ, fost dawn it-*

*tgħajjir u t-tisfil ta' l-ilsien Malti bħala lsien baxx u t-twarrib tal-kotra li titkellem bih biss.*

*Meta l-Assemblea Nazzjonali qatgħet li l-ilsna uffiċjali tagħna kellhom ikunu l-Malti u l-Ingliż, għamlet u seħħet dak li l-ġenerazzjoni ta' qabel qatt ma kellha ħila tagħmel; jiġifieri għalqet il-bieb tat-taħwid u l-għawġ billi qatgħet iż-żarda ma' dak l-ilsien barrani li għal ħafna snin kien seraq jedd ilsien il-poplu. Mil-lum 'il quddiem, it-taqbida soċjali ħadet xejra oħra.*

*Għall-inqas l-interessi nazzjonali ser ikunu aktar serji, xi ħaġa aktar sostanzjali mit-tagħjir u t-tweġħir dwar l-ilsna. Id-deċiżjoni ta' l-Assemblea hija tajba għax qerdet għawġ li kien ilu jfixkel il-progress tat-tagħlim f'Malta, u tajba wkoll għax din id-deċiżjoni fiha nfisha hija eżempju tajjeb ta' idijal demokratiku. Qabel, imħabba li fil-Parlament il-magħżulin tal-poplu kien ikollhom jitkellmu bit-Taljan jew bl-Ingliż, ħadd ħlief dawk li kienu jafu b'dawn iż-żewġt ilsna sewwa ma kellhom għalfejn jieħdu sehem fil-ħidma Parlamentari; u jekk kienu jieħdu sehem, mingħajr ma kienu jafu sewwa bl-Ingliż jew bit-Taljan, huma kienu joqogħdu jħarsu lejn xulxin mingħajr ma għandhom ħila jagħmlu l-inqas ġid lil art twelidhom. Tabilħaqq li l-Malti waħdu ma jagħtix id-dritt morali li l-bniedem jidħol fl-Parlament, għax id-dritt morali jitwieled l-ewwelnett mill-ħila u rieda tajba li tagħmel ġid lin-nazzjon, imma mbagħad hi ħaġa sabiħa li nies li ma jafux b'ilsna barranin, jew ma jafuhomx biżżejjed, jistgħu jitħaddtu u jagħtu l-fehmiet tagħhom fil-Parlament fl-ilsien li kull Malti jitkellem u jifhem. Mhux hekk isir barra? Churchill u Attlee mhux bl-Ingliż jitkellmu fil-Parlament? U jewwilla De Gaulle ikellem il-poplu Franċiż bit-Taljan jew bl-Ingliż, jew De Gasperi jitħaddet fil-Parlament Taljan bil-Franċiż, jew Franco fil-Ġunta bil-Portugiż? Donnu ħaġa tad-daħk tagħmel mistoqsijiet bħal dawn; imma għaliex ma kienetx iżjed tad-daħk tippretendi li l-poplu Malti kellu jitkellem fil-Parlament u l-Kunsilli tiegħu b'ilsien ta' poplu ieħor bilfors?*

*Il-lum qegħdin naraw li, għalkemm l-Ingliż u l-Malti huma t-tnejn ilsna uffiċjali tal-Parlament, il-Malti qed jitħaddem wisq iżjed mill-Ingliż. Dan qed isir mhux għax dawk li jitkellmu bil-Malti jridu jinku lil min iħobb l-Ingliż, imma għax hu aktar naturali li Maltin ikellmu lil xulxin bil-Malti. Għallinqas meta wieħed jitkellem bil-Malti, ukoll jekk il-għażla tal-kliem mhix dejjem mill-aħjar bħall-għażla ta' kliem Ingliż f'xi taħdita ta' Chur-*

*chill, dejjem imma tkun bil-Malti, waqt li ħafna mill-kitba u taħdit bl-Ingliż li qed isir Malta ma hu Ingliż xejn; jew hu Ingliż biss għax il-kliem issibu fid-dizzjunarju Ingliż u mhux f'dizzjunarji oħra.*

*Imma lsien mhux gabra ta' kliem biss. Hu l-ġabra ta' ħafna ħtieġiet. Għall-ilsien miktub dawn huma: (a) l-għaqda tal-kliem fuq ir-regoli tal-morfoloġija u tas-sintassi, (b) l-użu idjomatiku tal-kliem u tal-frażijiet, u (ċ) stil skond ix-xejra tal-moħħ Ingliż. Għall-ilsien mitħaddet, imbarra l-ewwel u t-tieni ħtieġa ta' l-ilsien miktub, irid ikollna pronunzja tajba li toħroġ (1) mittlissin tajjeb ta' kull ħoss fih innifsu, fl-għaqda ta' kelma ma' kelma u frażi ma' frażi u mbagħad (2) intonazzjoni korretta jew aħjar intonazzjoni Ingliża.*

*Infissru fil-qosor x'irridu ngħidu b'dan. Meta tikteb b'ilsien barrani mhux biżżejjed li l-kliem ikun meħud mid-dizzjunarju Ingliż. Dal-kliem irid ikun użat fis-sens tajjeb tiegħu u kit titlob l-idjoma u mingħajr żbalji tal-morfoloġija u tas-sintassi.*

*F'Malta tista' tagħmel l-isbaħ antoloġija ta' Ingliż bi żbalji ħoxnin tal-morfoloġija jew sintassi, xi drabi f'rivisti serji; imma Ingliż xejn anqas mill-agħar hu Ingliż tajjeb skond il-grammatika imma ħażin skond l-idjoma. Bi stil nifhmu kif tfisser ruħek. Jekk l-Ilsien Ingliż biex tfisser ħaġa fiha nfisha mhix sabiħa jdawwar l-espressjoni biex itaffiha jew ibenġilha, ma tkunx qed tikteb bl-Ingliż bħall-Ingliżi jekk inti, għalkemm l-idjoma tajba u l-grammatika wkoll, tfisser ruħek kif kont tfisser ruħek bil-Malti. Studju komparattiv ta' l-istil Parlamentari Malti u Ingliż għandu juri biżżejjed dak li rrid ingħid. Mela biex titkellem bl-Ingliż sewwa trid titgħallem miegħu l-mod ta' l-espressjoni Ingliża, inkella xħin titkellem tagħti l-impressjoni ta' barrani li qed jilbes libset ħaddieħor biex jimpressjona imma ma jafx jilbisha. Daqqa Maltija fuq kliem Ingliż, għalhekk, tistona fil-widna Ingliża li, la darba l-Ilsien Ingliż hu tagħha, hi l-aqwa mħallef biex tiġġudika jekk l-Ingliż li jitkellmu l-kolonjali hux tajjeb jew le.*

*Darba wieħed Ingliż għoli gerger miegħi li l-Maltin xħin jitkellmu juru ruħhom neqsin minn dik ix-xeħta diplomatika u pulita li wieħed jistenna. Jiena ridt nfiehmu li għalkemm hu, bħala Ingliż, kien iħoss li l-Maltin huma żorri fi kliemhom, il-ħtija kienet li huma kienu jaħsbu bil-Malti u jitkellmu bl-Ingliż, u l-mod*

*ta' l-espressjoni tagħhom, bħall-intonazzjoni, kien għalhekk ta' żewġ kurrenti lingwistiċi.*

*Jista' wieħed ikun jinqala' fil-kitba ta' l-Ingliż għax jgħaqqad il-kwalitajiet li semmejna; imma mbagħad ma jinqalax fl-Ingliż mitkellem għax ma jgħaqqadx il-kwalitajiet meħtieġa fl-ilsien mitħaddet. Ngħidu aħna, jista' ma jkollux pronunzja tajba jew inkella għandu pronunzja ftit jew wisq korretta tal-ħsejjes fihom infushom bħalma huma* th, l, r, *eċċ., imma mbagħad l-aċċent u l-intonazzjoni huma ħżiena. Mill-intonazzjoni nikxfu n-nazzjonalità tagħna. Jekk min jitkellem hu Taljan jew Malti jew Franċiż u ma għandux intonazzjoni Ingliża tajba, inti tkun tista' tgħid x'nazzjon hu minn kif jintona l-Ingliż li, għalkemm ikun grammatikalment tajjeb, xorta waħda jikxef nisel min qed jitkellmu. Għaliex mill-intonazzjoni tista' tgħid in-nazzjon ta' min jitkellem l-ilsien barrani? Għax għalkemm l-Ingliż bħala Ingliż jista' jkun tajjeb daqskemm kieku kellu jiktbu Ingliż, l-istess Ingliż kif inhu mitkellem hu mibni fuq intonazzjoni barnija—Maltija, Taljana skond x'ikun min jitkellem. L-intonazzjoni nazzjonali tkun is-saff ta' taħt li fuqha jinbena r-ritmu żbaljat.*

*Għax l-intonazzjonijiet ivarjaw minn ilsien għal ieħor, tista' tgħid li kull ilsien għandu l-intonazzjoni tiegħu. Għalhekk jiġi li Ġappuniż li tgħallem tajjeb l-Ilsien miktub imma ma tħarreġx sewwa fl-intonazzjoni Ingliża jitkellem l-Ingliż b'intonazzjoni Ġappuniża. L-istess nistgħu ngħidu għall-Malti li tgħallem sewwa l-Ingliż miktub imma mbagħad ma tħarreġx tajjeb fl-intonazzjoni Ingliża. Dan jitkellem Ingliż b'intonazzjoni Maltija, li l-effett tagħha ħafna drabi jnaqqas mis-serjetà ta' dak li jingħad. Aħna hawn Malta, billi għax Maltin malajr naqbdu s-sens u d-daqqa ta' l-Ingliż fuq intonazzjoni tagħna, ma nbatux biex nifhemu bejnietna; imma Ingliż ibati sa ma jidra jifhem ilsienu f'ħalq barrani; għax widnejh ma jaqbdux l-intonazzjoni Maltija qabel jidraha sewwa.*

*Qed niftakar f'esperjenza tiegħi. Ma kienx ili li ġejt lura mill-Università ta' Londra, fejn fost suġġetti oħra għamilt kors xjentifiku ta' fonetka u intonazzjoni. Kif kont wieqaf Triq Irjali, laqtuni żewġ Indjani jitħaddtu bejniethom — kienu Indjani ta' Malta. Waqqaft widnejja għax xi kliem li qalu deherli li kont nafu. Imma domt ma qbadt biex kienu jitħaddtu. Meta widnejja draw leħen l-Indjani ittendejt li kienu qegħdin jitħaddtu bil-Malti imma b'intonazzjoni Indjana! Ħafna Maltin bejn wieħed u*

*ieħor meta jitkellmu l-Ingliż jagħmlu lill-Ingliżi l-istess impressjoni li għamlu lili dawk iż-żewġ Indjani!*

*Ngħiduha bejnietna. Dawk il-Maltin li jitkellmu bl-Ingliż mal-Maltin jew jitkellmuh bħalma jitkellmuh l-Ingliżi inkella jaqblilhom jinqdew bl-ilsien tagħhom. Jiena ma narax għaliex Maltin ma' Maltin ma għandniex nitħaddtu bil-Malti. Hafna fdal tal-jasar qed ineħħu, fdal ta' dak il-jasar li daħħlu magħhom il-barranin f'Malta. Issa baqa' l-*inferiority complex *fl-ilsien li għadha ġejja miż-żmien meta l-poplu ż-żgħir, u l-ilsien li jitkellem, kienu magħdudin it-tnejn baxxi: u mħabba f'hekk biex wieħed jidher ftit "pulit" jew "għoli" ma kienx jitkellem kif jitkellem "il-baxx", jiġifieri l-kotra tal-haddiema.*

*Ta' min iħeġġeġ lil dawk il-qalbiena, li jixtiequ jifdu l-"baxx" mill-jasar ekonomiku, li jifdu wkoll lil dawk kollha li għadhom ilsiera ta' l-*inferiority complex, *marda tar-ruħ li għandha l-egħruq tagħha fil-moħħ imħawwad tal-bniedem li jħossu żgħir quddiem nies aqwa jew akbar minnu.*

*Jekk hawn wieħed li jħobb l-Ingliż u, ħażin jew tajjeb, ilu jiktbu s-snin, huwa jien. Mela mhux ħsieb ta' sentimentaliżmu Malti qed iġagħalni nikteb dan, imma x-xewqa li nara l-moħħ Malti jiċċara iżjed, ineħħi l-għanqbut tal-fehmiet imgħawġa u jibda jirrispetta lilu nnifsu, biex ingħid kelma ta' żmenijietna, "b'rispett totali". Poplu li jemmen fih innifsu jikxef moħbija ġo fih setgħat kbar għall-ġid u fejda nazzjonali li qatt ma kien joħlom bihom; waqt li poplu li għad ma fediex ruħu minn dawn ix-xkilijiet li għandhom egħruqhom fir-ruħ tiegħu mħawda jibqa' lura bħal tifel misthi li wiċċu jiħmar u jibda jtemtem meta jkellmu xi ħadd akbar minnu.*

*Poplu progressiv ma għandux jibqa' marid bil-marda tat-tfal grixtin. Rispett totali għal kull ma hu Malti—rispett totali li ma għandux iħassar minn quddiem għajnejna l-merti kbar ta' popli akbar. Imma bejnietna, ta' Maltin li aħna, nagħmlu sewwa nitħaddtu b'ilsien art twelidna. mhux biss biex ma nwaqqgħux l-intonazzjoni Ingliża għaċ-ċajt, imma wkoll għal ġieħna—għal dak li l-Franċiżi jsejħu "amour propre".*

# San Tumas T'Akwinu

*Diskors li sar fil-Knisja ta' l-Università*
*nhar is-7 ta' Marzu, 1947*

MA kinux biss il-għanneja tal-qedem li, imqanqlin minn taħbitiet il-qalb, xebbħu ħajjet il-bniedem ma' mixja twila jew qasira, lejn belt, ħsieb u tama ma' tul it-triq kollha; dan għamluh ukoll il-għorrief ta' kull żmien, mixgħulin minn ħsebijiet kbar, u saħansitra fissru Ruħ il-Qodos, meta b'fomm l-Appostlu Missierna qalilna li fuq l-art ma għandniex belt dejjiema, u għalhekk jeħtieġ li nfittxu belt oħra li l-bennej tagħha huwa Alla nnifsu (1).

Tmiem mixjitna, il-belt li fiha għandna nidħlu u nistrieħu, għarrafhu'na Sidna Ġesù Kristu, Alla Bin Alla, Dawl minn Dawl, meta minn fuq għoljiet Sijon, b'dija akbar minn dik li biha kien imdawwar Mosè hu u nieżel minn fuq is-Sina, b'għerf li jisboq bil-bosta għerf Salamun, għallem li f'kollox u qabel kollox għandna nfittxu 'l Alla, ħalli miegħu ningħaqdu, għaliex xejn ma jiswa lill-bniedem jekk jirbaħ id-dinja kollha, u mbagħad jitlef ruħu (2).

Madankollu bosta bnedmin igħaddu jiem u snin sħaħ, jekk mhux ukoll għomorhom kollu, bla ma jagħirfu għal fejn qegħdin igħixu, bla ma jilmħu għan ħajjithom, dik il-ħajja li hija wisq ogħla mill-fidda, wisq aqwa mid-deheb. Bosta bnedmin jieqfu f'nofs ta' triq, jintilfu wara tleliex li fi bluhithom jaħsbu deheb, u għajnejhom jingħalqu għad-dawl li għandu jdawwalhom mit-tfulija għaż-żogħżija, miż-żogħżija għar-rġulija, u mir-rġulija għax-xjuħija.

Biex ireġġa' lil dawn in-nies fi triq is-sewwa u l-ħajja, Alla, li mix-xejn ħareġ il-ħajja u mit-tajn kiesaħ id-demm sħun talbniedem (3), ma naqas qatt li jibgħat ma' tul il-medda twila taż-żmien bnedmin, kbar f'isimhom u f'għamilhom, sabiex bħal kewkba li tilma minn bejn is-sħab sewdieni li jdallam il-moħħ u jwebbes il-qalb, iwissu lill-bnedmin li ma għandhomx jitnikkru u jieqfu f'nofs triq, u b'hekk fil-belt fejn igħammar Alla jaslu meta x-xemx tkun laħqet għebet u d-dalma tkun satret il-ħolqien, meta bibien il-belt ikunu ntebqu u jibqgħu mitbuqa.

---

(1) Ittra ta' San Pawl lill-Lhud, XIII, 14.
(2) Matt. XVI, 26.
(3) G. Aquilina: "Il-Biki tal-Bniedem".

Il-lum Ommna l-Knisja Mqaddsa sejħitilna biex inqimu qaddis li minn Alla kellu s-sejħa biex bħal xemx idawwal il-bnedmin, igħallimhom jagħtu l-ogħla siwi lill-aqwa ħwejjeġ, jurihom triq is-sewwa u l-ħajja, u jwissihom jimxu lejn l-*"Urbs Jerusalem beata—dicta pacis visio,—quae construitur in coelis—vivis ex lapidibus."* (4). Dan il-għaref, dan il-qaddis, dan il-kbir hu San Tumas t'Akwinu.

Mhuwiex isem ġdid għalina. Ma hemmx belt kbira jew żgħira, ma hemmx għoljiet miksija bis-silġ jew maħruqin bix-xemx, ma hemmx xagħri bla tarf jew baħar bla qies fejn ismu ma nstamax jidwi, fejn leħnu ma heġġeġx għal ħwejjeġ kbar lis-sider qawwi (5), iżjed milli heġġeġ leħen il-qalbenin ta' Ateni rebbieħa f'witat Maratona. U l-foħrija li tawh il-ġnus hi akbar minn dik li ngħatat lill-qalbenin li fuq qabarhom inkiteb: "Int li għaddej minn quddiemna mur u għid lil Sparta li aħna mitna għall-liġijiet wisq meqjuma tagħha."

Ersqu lejh u ddawlu, żgħażagħ qalbenin, intom li miexja fit-triqat iebsa ta' ksib il-għerf. Ersqu lejh u ddawlu intom ilkoll li bikom għatx is-sewwa. Ersqu lejh u ddawlu intom ilkoll li ma tridux tiġġerrew bla ragħaj, ħalli f'belt Alla tkunu tistgħu tieħdu sehem mill-ferħ ta' l-Osanna, tkunu tistgħu tixxierku ma' l-oħrajn fil-għana ta' l-Alleluja. Ersqu lejh u ddawlu, u minn fommu isimgħu kif Alla hu għan ħajjet il-bniedem.

* * *

Ħarsu lejn San Tumas t'Akwinu tfajjel, bogħod mill-ħajja mgħaġġla ta' kastell il-kbarat t'Akwinu, miġbur fil-ħajja siekta u ħiemda tal-monasteru ta' għoljiet Kassinu, b'ħarstu merfugħa lejn is-sema safi mnejn hemm "ileqqu bil-qtajja' — il-kwiekeb imdendla" (6). U mal-qawwa ta' din il-ħarsa, ħsiebu ttawwal bħalma tagħmel xitla, biex jixrob l-ewwel dawl li seta' jinżel minn dak l-iżraq bla qiegħ, minn dak il-wisa' bla truf (7).

Moħħ it-tfajjel ma waqafx meta ra l-ħajja, il-għerf, it-tjieba, il-qawwa u s-sbuħija, iżda tela' iżjed 'il fuq, niżel iżjed fil-qiegħ, meraħ iżjed fil-wisa', ħaddan iżjed beraħ, sakemm wasal biex sab il-bidu nnifsu tal-ħajja, tal-għerf, tat-tjieba, tal-qawwa u tas-sbuħija. U għalhekk staqsa: Min hu Alla?

(4) Officium in Anniv. Dedic. Ecclesiae.
(5) Ugo Foscolo: "L-Oqbra" (Trad. Dun Karm).
(6) Ġ. Muscat Azzopardi: "Fit-Tieqa".
(7) Dun Karm: "Il-Jiên u lilhinn minnu".

Fit-tħaddim bikri ta' dehnu fehem li jitqarraq il-bniedem meta jintilef f'henat il-ġisem u fi bluhitu jiftaħar li liebes il-ħarir (8), għaliex irid jew ma jridx, qalbu ma tistrieħx jekk mhux f'Alla (9). U għalhekk staqsa: Min hu Alla?

Għal din il-mistoqsija, nisthajjel li qaddej ta' Alla niżel jittajjar fuq ġwienaħ imdehba għal ħdejn it-tfajjel u wassallu f'widnejh it-tweġiba li ngħatat lil Mosè, beżgħan quddiem id-dehra ta' għoljiet il-Horeb: Alla hu dak li minnu nnifsu hu li hu (10), fil-waqt li l-ħlejjaq huma dawk li mhumiex minnhom infushom dak li huma, iżda li għandhom 'l Alla l-kif u l-għala tagħhom(11).

San Tumas fehimha t-tweġiba. U kemm fehimha tajjeb saret tafu d-dinja mistagħġba, meta fl-aħħar ta' ħajtu xandar l-ewwel taqsima tas-*Summa Theologica* li bħal katidral gotku tiġbor fiha sbuħijiet l-arti u l-letteratura, il-fiżika u l-matematka, il-filosofija u t-teoloġija, il-għerf u t-twemmin.

San Tumas fehimha t-tweġiba. U kemm fehimha tajjeb issoktat tagħirfu d-dinja mistagħġba, meta xandar it-tieni taqsima tas-*Summa Theologica* li bħal f'Panteon tiġbor fiha għerf l-akkademji pagani u nsara, għerf Platun, Pitagora u Aristotli, għerf Seneka, Ċiċerun u Ġustinjan, għerf S. Ambroġ, S. Wistin u S. Ġlormu.

U mliehem minn dan il-għerf li kiseb ta' Alla, f'dawl Alla għaraf ukoll il-bniedem, u fehmu hekk tajjeb li bena darba għal dejjem, fuq sisien qawwija, il-filosofija nisranija tal-kultura.

Il-Filosfi ta' qabel S. Tumas, imdorrija fl-akkademja ta' Platun, xebbhu lill-bniedem ma' ruħ magħluqa f'ħabs il-ġisem, u għalhekk ħambqu kemm felħu biex iġagħlu 'l kulħadd jifhem li biex il-bniedem jilħaq il-għoli li għalih issawwar jeħtieġlu joħnoq kemm jista' ħtiġiet il-ġisem. San Tumas, imdorri fl-iskola ta' Aristotli, għallem li l-bniedem mhuwiex ruħ maqfula f'ħabs: hu, iva, tad-demm u l-laħam, għandu wkoll ħtiġiet il-ġisem, u madankollu bhima mhuwiex, ladarba huwa mogħni b'ruħ imżejna bid-dehen u r-rieda (12).

---

(8) G. Aquilina: "Miserere".

(9) S. Wistin: "Il-Qrariet—L-ewwel ktieb, Kap. 1 (Trad. V. Barbara O.P.

(10) Ktieb il-Ħruġ, III, 14.

(11) Dun Karm: "Il-Jien u lilhinn minnu".

(12) M. Grabmann: "La Filosofia della cultura secondo Tomaso d'Aquino", Cap. II (Trad. I. Marega O.P.).

Għalhekk San Tumas fehem u għallem li kobor il-bniedem qiegħed filli bla ma jeqred il-ġisem, iżda bla ma jassar ir-ruħ, jgħaqqad flimkien il-ħtiġiet tat-tnejn, irażżan ġibdietu ħżiena ħalli jagħni moħħu bil-għerf, u b'rieda qawwija daqs l-azzar, b'saħħitha daqs iż-żonqor, jieħu triq Alla, imqar jekk din it-triq tkun twila, tkun iebsa. B'hekk San Tumas, waqt li ħalla bla mittiefsa s-sisien tal-ħajja soprannaturali, sar l-ewwel, l-akbar, l-aqwa u l-ogħla umanista Nisrani li d-dinja qatt rat.

Meta f'lejla sabiħa tar-rebbiegħa mdawla minn qamar mimli u minn kwiekeb bla għadd, f'ħemda miksura biss mit-tektik ta' demmna f'qalbna (13), aħna nitgħaxxqu bi sbuħit is-sema u nħossu hena li jgħollina 'l fuq, 'il fuq, u jġagħalna nifirdu l-beraħ biex ningħaqdu mal-ħlejjaq l-oħra li jgħammru qrib Alla, aħna għandna nġibu quddiem għajnejna li hemm qawwa li tiġbed dejjem il-kwiekeb lejn ix-xemx, u hemm qawwa oħra tbegħidhom mix-xemx. Jekk tirbaħ il-qawwa li tiġbidhom lejn ix-xemx, il-kwiekeb jinħarqu, jinqerdu u jintemmu, fil-waqt li jekk tegħleb il-qawwa li tbegħidhom mix-xemx, jinżgħu dijithom u jintilfu fil-baħħ. Għalhekk sbuħithom qiegħda filli jinżammu mliġġma miż-żewġ qawwiet (14).

Hekk ukoll f'tagħlim San Tumas, sbuħit il-bniedem mhix qiegħda fil-qawwa li biha l-ġisem jinġibed lejn l-art bla ma jqis lir-ruħ, lanqas fil-qawwa li biha r-ruħ tithenna bla ma tqis il-ġisem, iżda biss f'Sid il-ġisem u r-ruħ, Alla.

Meta fi ħsebijietu, f'xewqatu, fi kliemu u f'għamilu, il-bniedem ifittex lil dawlu u mħabbtu, Alla, il-qalb tiegħu, bħal mera bla nikta, bħal priżma, tasal biex tiġbor fiha sbuħit il-ħolqien: bjudet il-borra, ħmuret in-nar, sħanet ix-xagħri, dijet il-kwiekeb, ħlewwiet il-għasel, fwieħet is-sagħtar... (15).

Meta fi ħsebijietu, f'xewqatu, fi kliemu u f'għamilu, il-bniedem ifittex lil Alla, bidu u tmiem ta' kull maħluq, huwa jirbaħ ir-rwiefen qalila li jonfħu qerrieda fil-qlub (16), u bejn ruħu u ġismu jinseġ armonija sabiħa li tidwi ferrieħa bħall-għanja ħelwa li kull fil-għodu lil Sid il-ħajja jgħannu l-agħsafar.

---

(13) C. Mifsud Bonnici: "Alla! Alla!"

(14) P. Galea O.P.: "Għan Ħajjet il-Bniedem" ("Għawdex", 26 ta' Mejju, 1946).

(15) P. Galea O.P.: "Tqanqil f'Qalb il-Bniedem" ("Il-Berqa", 24 ta' Diċembru, 19[illegible]).

(16) G. Delia S.J.: "Qatra ta' Nida".

Meta titnissel din l-armonija, il-bniedem jasal biex isir personalità. Mhux il-personalità kif fehmuha Kant, Hume, Günther u Wolf, iżda l-personalità kif fehimha San Tumas, li biha l-bniedem isawwar fih innifsu x-xbiha t'Alla, isir sid ta' għamilu.

Meta, wara li nkunu ħlisna mill-jasar ta' għamilna, naslu biex inkunu sidien tiegħu, aħna nimmaqdru qawwet is-swar, nidħku b'saħħet l-azzar u nirbħu ħruxit in-nar, bla ma nieqfu quddiem l-ebusija tal-qlub, bla ma nibżgħu mill-ħżunija tal-fehmiet, bla ma nitkexkxu minn għamil qarrieqi u qerriedi. Fina taqbad, tixgħel u tħeġġeġ iż-żgħużija li bi lwien sbieħ ġiet imfissra minn San Tumas fil-kommentarji tiegħu fuq l-Ethica Nicomachea; qalbna fi mħabbitha ma tiqafx għal ħin wieħed biss, iżda dejjem imħejjija biex iddewwi l-ġerħat u tfarraġ qlub oħra, hija tħabbat għal għajrha mingħajr waqfien, imqar jekk dan ikun jitlob minnha ċarċir demmna sa l-anqas qatra (17).

Biex bejn ruħna u ġisimna, bejn fehmet il-moħħ u tqanqil il-qalb innisslu l-armonija meħtieġa, biex f'għamilna nibnu x-xbiha t'Alla ħalli nsiru sidien ta' għamilna, jeħtieġ li ħajjitna tkun *motus creaturae rationalis in Deum*, kif għallem San Tumas; jeħtieġ nersqu lejn Alla.

U biex nersqu lejn Alla ħalli nsiru sidien ta' għamilna, mhux biżżejjed li nagħirfu 'l Alla, bħalma biex nitilgħu fuq għolja minn fejn nistgħu nitgħaxxqu bi tlugħ jew inżul ix-xemx mhux biżżejjed li nħarsu lejn il-quċċata, iżda jeħtieġ li nħallu warajna l-ħamba tat-triqat, u mqabbdin issa ma' blata u issa ma' oħra, mingħajr ma nqisu t-tbatija, nixxabbtu 'l fuq, aktar 'il fuq, sakemm naslu fuq il-quċċata minn fejn ħarsitna tkun tista' tilmaħ dehra ta' sbuħija li ma bħalha li qabel ma konniex nafu biha.

Biex nitilgħu fuq il-quċċata tal-Qdusija Nisranija, fejn insibu l-ħarsien mill-jasar ta' ġibdiet bla mrażżna, fejn taħt ittmexxija t'Alla nnifsu niksbu l-jedd ta' sidien fuq għamilna, jeħtieġilna naħdmu, inħabirku u nissieltu, għaliex ħajjet il-bniedem fuq l-art, f'mixjitu lejn il-belt li fiha jgħammar Alla, hija taqtigħa, hija ġlieda (18). Ma hix taqtigħa għal rebħ artijiet, ma hix taqtigħa għal ħakma fuq ġnus, iżda taqtigħa għall-ħelsien tagħna nfusna, ġlieda għar-rebħ fuqna nfusna.

Bosta jaqtgħu qalbhom minn din it-taqtigħa, u minnflok li

---

(17) P. Galea O.P.: "Għal Alla u għal Malta" ("Il-Berqa", 14 ta' Novembru, 1939).

(18) Ktieb ta' Job, VII, 1.

jfittxu biex imutu ħielsa, jibqgħu jgħixu mjassra. Hafna ma jidħlux għal din il-ġlieda, minnflok sidien ta' għamilhom jisfgħu rsiera ta' ġibdiethom qalila. Nafu b'uħud li bi kliemhom saħħru ġnus, b'qawwet sejfhom ħakmu artijiet, iżda ma kellhomx ħila jirbħu lilhom infushom; u għalhekk dawn, fil-ġlieda għall-ħajja, ma jistgħux igħidu li ħarġu rebbieħa, ma jistgħux jiftaħru li ħallew wirt ta' mħabba jew jithennew fis-serħan ta' qabarhom kiesaħ li jibqa' bla ma qatt iħoss taqa' fuq ir-rħama li tgħattih xi demgħa sħuna ta' mħabba dejjiema.

Joħroġ rebbieħ f'din it-taqbida min ma jxabbax lil ġismu u jassar lil ruħu, min ma jfittexx biss jeddijietu bla ma jaqdi dmirijietu. Joħroġ rebbieħ f'din il-ġlieda min jissara tajjeb u jħares twemminu (19), bla ma jitwerwer mill-għedewwa, bla ma jitkexkex mit-tbatija, bla ma jaħrab mill-mewt.

San Tumas t'Akwinu għallimna nissieltu tajjeb. Alla riedu jħalli l-għana ta' niesu u l-foħrija ta' nislu, u bagħtu jaħdem filgħalqa dumnikana. Bħal Sawl fi triq Damasku, San Tumas iwieġeb minnufih għal sejħet Alla, iżda niesu riedu jfixkluh. Mhux biss qafluh fil-ħabs tat-torri ta' San Ġwann, iżda bagħtulu wkoll mara ħażina biex twaqqgħu fid-dnub.

Iżda ż-żagħżugħ kien ġa fehem li l-foħrija ma hix ħlief dell ta' ħolma qarrieqa, li l-ħakma ma hiex ħlief diwi ta' żarżara f'wied (20); hu ma ħamelx jiġġarraf fit-tajn ta' taħt is-saqajn, ma setax jisma' daħk l-inkejja jċarrat tambur widnejh, ma riedx jara ruħ ħażina tgħajbu minn wara. Għalhekk b'għuda mqabbda li malajr sab, werwer, ħarrab u rebaħ lil dik il-mara ħażina, serp ta' Babel (21), u magħha għattab qawwiet id-dlamijiet.

Fil-ħabs tat-torri ta' San Ġwann ma berraqx xrar minn elmijiet u xwabel imsielta ma' xulxin (22), bħal meta Goffred ta' Buljon feda qabar Kristu, iżda berraq dawl il-grazzja t'Alla li bih San Tumas, imsaħħaħ aqwa minn b'kisi ta' l-azzar, ħeles lil ġismu mit-tniġġis u żammu safi bħalma jixraq 'l-għamara ta' Ruħ il-Qodos (23). U jekk il-għannej ta' Mantwa kellu għalfejn ifaħħar l-"*insignem pietate virum*" li minn Troja daħal fil-Lazju, bi dmir akbar, kif intemmet it-taqtigħa tat-torri ta' San Ġwann,

(19) Ittra ta' San Pawl lil Timotju, IV, 7.
(20) G. Carducci: "La Chiesa di Polenta".
(21) **G. Aquilina**: "Miserere".
(22) Ugo. Foscolo: "L-Oqbra" (Trad. Dun Karm).
(23) I Ittra ta' San Pawl lil Korinti, III, 16; VI, 19.

leħen żarżari tal-fidda minn għoli s-smewwiet nisthajjel li għanna : *Exivit vincens ut vinceret* (24).

Kif ħareġ rebbieħ mit-taqtigħa, ir-rebbieħ niżel għarkobbtejh, u bil-għuda mqabbda ħażżeż ma' ħitan il-ħabs il-għelma tas-salib imqaddes, għelma ta' rebħa, tama u sliem.

Meta Alla hu dak li f'Ismu aħna nissieltu u niġġieldu, imqar f'lejla l-aktar mudlama, waqt irwiefen li jridu jibilgħu l-art, f'nofs mewġiet li jirkbu waħda fuq l-oħra b'saħħa li dejjem tibqa' tiżdied, b'qilla li dejjem iżjed tiħrax, aħna jkollna kewkba 'l fejn inħarsu, u nkunu nafu 'l fejn għandna naqdfu; iżda dawk li ma jissiltux u ma jiġġildux f'Isem il-Mulej huma bħal dgħajsa maħkuma minn ħalel il-baħar, issa togħla u issa tinżel, issa tinkiser ma' hawn u issa titfarrak ma' hemm, issa titlef moqdief u issa ieħor. Huma rsiera u mhux sidien ta' ġibdiethom.

Biex ma tisfgħux irsiera tagħkom infuskom fit-taqtigħa għall-ħajja, żgħażagħ għeżież, ħudu f'idejkom is-*Summa Theologica*, u tkunu hienja aktar minn sultan riekeb fuq żiemel abjad, b'sejf ta' l-avorju msielet f'idejh.

Ifthu mhux biss it-trattat "De Passionibus" biex ikollkom it-tagħrif psikoloġiku meħtieġ halli tifhmu l-biża' ta' Pater Latinus fi ħruq xagħar bintu Lavinja u l-qsim ta' qalb Alċjone fil-għarqa tal-għarus tagħha, u swied qalb il-Prinċep tad-Danimarka, li bi lwien ħajja tpinġew minn Virġilju, Ovidju u Shakespeare; iżda ifthu wkoll it-trattati fuq il-misteri tad-dikrieti t'Alla u tal-libertà tal-bniedem. U meta tmorru fis-sema, magħqudin mal-għorrief kbar li ħarġu mill-iskejjel Tomistiċi, wara li tgħannu l-għanja tal-fidwa, tal-maħfra u ta' l-imħabba (25), idduru lejn il-Protettur ta' l-Iskejjel Kattoliċi kollha u tgħidulu : *Sicut audivimus sic vidimus in civitate Domini* (26).

P. Galea, O.P.

---

(24) Apokal. VI, 2.

(25) P. Galea O.P. : "Quddiem Salib il-Feddej" ("Il-Berqa" 10 ta' April, 1941).

(26) Salm XLVII, 9.

# Il-Qniepen

KEMM insibu jħennini ħoss il-qniepen; iżjed u iżjed meta nkun waħdi, fil-ħemda; u nisimgħu ġej mill-bogħod!

Darba qrajt li l-General Bonaparti, waqt li kien qed joqrob lejn xi rħula li jdawwru belt li kien fi ħsiebu jaħbat, waqqaf lin-nies tiegħu mill-mixi tagħhom x'ħin sema' leħen il-qniepen jidwi fil-bogħod; u wieqaf fuq iż-żiemel, baqa' ħiemed jissamma' sa ma dawn siktu għal kollox.

Min jista' jgħid liema tifkiriet għeżież dawn l-ilħna ħelwin ġabu magħhom f'moħħ l-akbar General li qatt kellha Franza, biex ħass il-ħtieġa li jieqaf u miegħu jwaqqaf armata sħiħa biex jissemma' u jitgħaxxaq bid-diwi tagħhom?

Qatt stenbaħtu mal-lejl, u mat-tinwiħ u t-tvenvin tar-riħ smajtu fil-bogħod id-daqq ta' xi qanpiena żgħira. Ma stħajjiltu-hiex leħen xi ruħ imdejqa, li qed titlob l-għajnuna bl-akbar ħniena u ħerqa u bl-akbar għaġla?

U liema serħan u sliem tħossu jġiblek leħen il-qniepen, kmieni kmieni, fil-għodu, x'ħin dawn jiftħu fommhom biex iħabbru tmiem il-lejl u dħul il-jum; u biex jistiednu lil kull min jemmen biex irodd ħajr 'l Alla l-Imbierek li żammu qawwi u sħiħ; u li tah saħħa, ħila u ħeġġa biex jaħdem jum ieħor u jġib il-ħobż għalih u għall-għeżież tiegħu!

Fost kemm-il namra għandi, ebda waħda ma nħossha taħ-jini daqs dik tal-ġiri qalb ir-raba' u l-għelieqi — waħdi, mal-ħolqien sieket ma' dwari. U mita xi drabi ġie li tnikkirt u bqajt ma rġajt lura lejn dari sa wara nżul ix-xemx, jekk kont inkun fuq ir-riħ ta' Birkirkara, arani nistenna biex nisma' waħda mill-qniepen il-kbar tal-knisja ta' dan ir-raħal iddoqq l-Ave Marija; u ma' kull mewġa taż-żiffa li magħha ġġib id-diwi ta' dawn l-erwieħ tal-bronż, inħossni noħla; u nistħajjilni nittajjar bi ħsiebi lejn żmenijiet oħra, meta qalbi kienet inqas tqila milli hi l-lum, meta kont għadni ma tgħallimtx nidneb u nobgħod u nokrob bla ninstama'; meta ħajti kienet ħajja u ħafifa bħal tal-għasfur tar-rebbiegħa. U mqanqal minn dawn il-ħsebijiet, erħilni nistħajjel li qed ingħix mill-ġdid żgħoriti kollha ħlewwa u safa; u sliem kbir inħossu jimla' 'l qalbi u ruħi nħossha toq-rob u tersaq, aktar milli f'kull waqt ieħor, lejn Min ħalaqha.

Helu ħoss il-qniepen; u jidħol fil-qalb u jqanqal kemm-il tifkira — li daqqa tħenni u oħra xxennaq jew tnikket il-qalb — ta' jiem għeżież li għaddew u marru biex qatt ma jerġgħu jiġu lura iżjed!

Ġ. Ellul Mercer

---

## QUO VADIS?

*Waħidha,*
*fuq l-għolja ġeblija,*
*imbiegħda mill-bqija ta' ħutha*
*fil-qalb ħadranija*
*tal-wied,*
*ix-xwejħa ħarruba,*
*magħtuba*
*mit-toqol tas-snin,*
*tħares nadwarha*
*ħa' tara*
*il-għaġla w in-nies għaddejjin.*

*...U taħseb:*
*Kemm huma mgħaġġlin,*
*fejn huma sejrin?*
*Għal dejjem bla sabar*
*min-nieqa sal-qabar*
*dal-ħalja bnedmin.*

*Fejn huma l-għeruq?*
*Qatt lilhom ma trażżan il-bewsa tar-riħ.*
*qatt lilhom ma tlajjem is-sħana tax-xemx,*
*għalex ftit mistrieħ*
*għalihom ma hemmx*
*u l-leħħa biss tagħhom*
*il-ħajja tas-Suq?!!*

27. 10. 45. R. Briffa.

# IL-BATTERIJA TAL-HANDAQ (1)

*Riħ, xita u ksieħ*
*Fil-Handaq il-lum, —*
*Damdim u twerdin —*
*Il-qilel ta' l-art meħlusin —*
*Iberraq u jkarwat mis-sema, mill-art:*
*Tħoss f'qalbek tferfir,*
*U f'ġismek iserrep il-biża' u t-twerwir:*
*Isaffru l-balal niżlin,*
*Il-kanuni jfarrku qegħdin —*
"Who goes there?"
"*Riħ, xita u ksieħ,*
*U dwejjaq u uġigħ!*"

*Riħ, xita w ksieħ*
*Fil-Handaq il-lum,*
*Dħalt fil-kmamar fejn għammru fl-uġigħ:*
*Smajt liż-żingu jvenvnli fuq rasi*
*Bħal krib ta' l-erwieħ —*
*Tgħid għadhom iduru l-mejtin*
*Mal-Handaq imwerwrin,*
*Jixxhru, jitniehdu mwaħħxin,*
*U jibku mħabbithom, ħajjithom, il-jiem misruqin?*
*Instama' tar-riħ it-twerdin,*
*U maż-żingu l-qtajriet tax-xita neżlin...*

*Riħ, xita w ksieħ*
*Fil-Handaq il-lum,*
*Rajt il-ġebel qed jaqa' biċċiet,*
*U tħassar ix-xita tal-lapis l-ismijiet,*
*L-aħħar xhieda ta'* dawk *it-tifkiriet;*
*U minn fuq tal-kanuni l-witiet*
*Għadda l-bidwi bil-moħriet...*
*Leħen moħbi dewa minn ġol-wied:*
"Who goes there?"
"*Riħ, xita w ksieħ,*
*U s-saħħa, m'hix mibdula, tal-għoljiet!*"

W. Gulia.
(Student, Kors tal-Letteratura)

---

(1) Din il-Batterija kienet ma' tul l-1942-43 tħares minn fuq il-għoljiet tal-Handaq għal fuq l-ajrudrom ta' **Hal Luqa. Kemm-il** darba l-għadu ħabat għaliha, u kemm-il darba hija ħabtet għall-għadu u qorditu.

## IX-XEWK

*Ġo għalqa mhix maħduma, qalb il-ġebel*
*u x-xaħx u t-torba kiber qawwi u f'saħħtu*
*u bil-eluf, u żegħed bil-ward safrani*
*bajdan u vjola.*

*Għalkemm sura ta' linef ħadranija,*
*— kull brazz mimli bix-xema' abjad u vjola,*
*jew isfar kark—kulħadd għaddej jistkerrhu,*
*u ġewwa qalbu*

*Jixtieq li kieku jaħsdu minn ġol-għalqa.*
*Poh! għajtet tfajla, mort biex naqta' warda,*
*tniggiżt u mtlejt bix-xewk, u f'tarf il-warda*
*ġieni stallett.*

*Meta n-nies riedu jagħmlu għajb u jaħqru*
*lil Dak li qal li hu Sultan Bin Alla,*
*tax-xewk għamlu kuruna u deffsuhielu*
*biċ-ċajt ġo rasu.*

*Kulħadd lix-xewk jistkerrah, iżda l-friefet,*
*bħal qabda anġli żgħar fuq ġwienaħ bojod,*
*fuqu jittajru u minn ġo qalbu jsoffu*
*il-għasel bnin.*

A. Buttigieg.

---

## IL-WARDIJA U L-GWERRA

*Kemm snin fuq dan ir-raba' raw in-newba*
*Tax-xitla tonqob, tikber, u tidbiel,*
*Raw siekta l-ħajja, bħal tas-sajf xi kewkba*
*Li tiddi w tinżel mingħajr l-ebda xkiel.*

*Nies twieldu u mietu, batew, strieħu u fiequ;*
*U xejn fl-eluf tas-snin ma tbiddel hawn,*
*U aħna, nies li dejjem l-hena nfittxu,*
*Ma nsibux ħwejjeġ oħra isbaħ minn dawn.*

*Għal żmien qasir hawn tarzna sħiħa saret*
*Bl-għodda u bin-nies tal-gwerra biss mimlija,*
*Għax hekk kien ried il-waqt, u s-sema ħammret*
*Bil-qilla tal-kanun u l-art bid-dmija.*

*Dan issa għeb: bħal ta' xi barka l-kliem.*
*Fuq il-Wardija reġa' raxx is-sliem.*

1945. E. Agius.

# IL-WARDA

*Hemm fl-eqqel tax-xitwa*
*Fejn jogħħod il-bard*
*Ġo ġnien rajt jinħoloq*
*Blanzun minn tal-ward.*

*Nisthajlu — il-ħajja*
*Li tidher fil-bogħod,*
*Fejn meta iżernaq*
*Il-lejl jgħib bil-mod.*

*U jiena għad nara*
*Huġġieġa ta' ward*
*Issebbaħ w issaħħar*
*Bħal ġenna ta' l-art.*

*Hekk f'ħajti nistenna*
*Ftit jiem aktar sbieħ*
*Minn dawn li fix-xitwa*
*Ivenvnu bir-riħ.*

*'Ma l-ward tas-sbuħija*
*Ifarfar il-lbies;*
*Il-ġmiel u l-foħrija*
*Tispiċċa man-nies.*

*Fil-ħemda tal-għodwa.*
*Fis-sikta tal-ġnien,*
*Hekk taħrab il-ħajja*
*Hekk jgħaddi iż-żmien*

Y. Gatt

---

**ID-DIREZZJONI** ta' din ir-rivista tixtieq tixtri l-Għadd 137-142 ta' *Leħen il-Malti* (1942).

Min għandu kopja u jrid ibigħha jikteb lill-Editur, 18, Triq S. Andrija, Il-Belt.

## HABAKUK

*Mhux il-lum ġie f'ras il-bniedem*
*Giri x-xwieni milbutin*
*Fl-ibħra kbar li donnhom vleġġa,*
*Bħar-riħ jiġru maħrubin.*

*L-ajruplan jiġri w jittajjar*
*Qabel Kristu bosta snin*
*Iżjed minn xi ħames mija*
*U madwar tlieta u ħamsin*

*Jiena rajt l-Abakuk fuqu,*
*Bl-akbar ħeffa qed itir;*
*Se'r inewwel lil Danjeli*
*Borma f'idu bit-tisjir,*

*Li kien Dan mixħut mad-driebes*
*Hiemda miegħu ġewwa foss;*
*U ħafif iżjed mill-ajkli*
*Qe'd jittajjar mingħajr ħoss,*

*Għal fuq l-art ta' Babilonja,*
*U minn hemm lura mar bih,*
*Minn fejn rikkbu w fl-ogħla sema,*
*Jaqta' w jofroq sħab u riħ.*

R. M. B.

---

## IL-MADALENA

*Kien donnu l-lejl: fid-dalma l-art titriegħed*
*Bdiet tibża' tidher taħt il-baħħ tas-sema*
*Mgħottija w kerha, bis-sħab kbir li nġema'*
*Fi ftit tal-ħin: u beda l-ajru jriegħed.*

*In-nies imwerwra ħarset lejn id-dmija*
*Li kien hemm fl-art: u ġriet biex titlob ħniena*
*Fil-Maqdes Kbir, tistenna hemm ħosbiena*
*Li tgħaddi s-siegħa fuq kulħadd waħxija.*

*Waqa' skiet kbir fuq l-Għolja tal-Moħqrija*
*W ma kien hemm ħadd hlief, tibki kollha ndiema,*
*Il-Madalena, t-tfajla tas-sbuħija:*

*B'xagħarha sabiħ, tixxotta d-dmugħ tal-ħtija*
*F'talba minn qalbha lill-Mulej għas-sliema*
*U ħelsa mid-dnubiet kollha mgħoddija.*

A. Zammit Gabarretta.
(Student, Kors tal-Letteratura)

# Is-Saqaf

(*Leġġenda Skoċċiża ta'* G. GALEA)

IL-GWIDA li kien idawwarna l-Kastell ta' Edinburgo kien raġel Skoċċiż imdaħħal fiż-żmien iżda għadu fuq ruħu, wieqaf fuq qaddu, wiċċu aħmar, għajnejh żoroq, xagħru mil!-lewn il-fidda, ilsienu jaqta' u xufftejh dejjem imbexxqin jitbissmu; kien ċajtier, ferrieħi u dħuli, kien jaf x'igħid ħafna fuq il-kastell, imma lili laqatni mhux għat-tagħrif li fissrilna dwar il-kastell iżda għall-ġibda li kellu lejn dak il-bini storiku. Mita jitkellem fuq il-kastell, il-gwida kien qisu qiegħed isemmi fuq biċċa minnu nnifsu, għajnejh jibdew jilmaw bil-għaxqa ta' qalbu u leħnu jrabbi ħrara u heġġa li jimpressjonaw lil min ikun jisma'.

"Il-Kastell ta' Edinburgo", kien qiegħed igħid il-gwida, "qisu l-qalba ta' din il-belt u bħalma Edinburgo hi ċ-ċentru ta' pajjiżna hekk il-Kastell hu l-qofol ta' l-istorja tagħna.

Il-bidu ta' dan il-kastell jintilef fid-dlamijiet taż-żmenijiet qodma, iżda nafu li fis-sena 1004, Malcolm II kellu l-kastell tiegħu fuq din il-quċċata. Il-kastell kien mimli ħajja fi żmien Macbeth, dak ir-ruħ ħażina li jidher f'waħda mit-traġedji ta' Shakespeare. Bruce, il-qalbieni, ħareġ minn dan il-kastell biex jiġbor in-nies tiegħu għal!-ħelsien ta' Skozja. Wallace iltaqa' f'dan il-kastell mal-*Lairds* Skoċċiżi u ħajjarhom isejħu l-*clans* tagħhom għat-taqbida ma' l-Ingliżi.

Ir-Rejiet ta' Skozja kienu jlaqqgħu l-Parlament tagħhom fil-kastell. Santa Margerita ta' Skozja, ir-Reġina qaddisa, mietet f'dan il-kastell fis-16 ta' Novembru 1093. Marija Stwarda, ir-Reġina xortiha ħażina, qattgħet biċċa sewwa minn għomorha fil-kastell u fih ġarrbet l-isbaħ ferħ u l-ikreh għali. Darnely Bothwell, Rizzio, tliet ismijiet li x-xorti kiefra laqqgħet ma' dak tar-Reġina Stwarda, għexu għal xi żmien fil-kastell u taħt is-saqaf tiegħu ngabru minn żmien għall-ieħor Knox, il-predikatur tal-biża'; Cromwell, il-qerried tar-Re; Montrose, il-Kavalier ta' ħila u rġulija; Bonnie Prince Charlie, il-Prinċep itturufnat; Sir Walter Scott, il-kittieb liema bħalu, u kull bniedem jew bniedma li ħallew isem fl-istorja Skoċċiża. . . . . . . . . .

Il-kastell mibni fuq ħotba ta' blat qawwi u jġib taħtu l-belt kollha; tkun fejn tkun fil-belt, jekk tħares 'il fuq għandek tarah. F'jum ta' ċpar jekk tħares lejh minn Princes Street tilmħu qisu kastell tas-sħarijiet imwieżen fuq is-sħab; jekk tħares 'il fuq minn qiegħ High Street tara l-kastell fil-quċċata tat-triq qisu

r-ras fuq il-baklu ta' Isqof; imma l-isbaħ dehra tal-kastell, mita tħares lejh mill-Grassmarket; minn hemm taraħ fil-kburija u l-qawwa tiegħu kollha, tara dak il-biat sewdieni mogħla s-sħab donnu maqtugħ b'imterqa, jispiċċa fi swar qishom kuruna li jagħalqu torrijiet, palazzi u kwartieri. Mill-Grassmarket ukoll tidher dik it-tieqa ċkejkna tal-kamra tar-Reġina Marija, fejn twieled ir-Re James li għaqqad iż-żewġ saltniet, ta' l-Iskozja u ta' l-Ingilterra, flimkien. Malli twieled lil James qegħduh f'qoffa, dendluh mit-tieqa u niżżluh minn dak il-għoli kollu għat-triq ta' taħt is-swar, biex jeħilsuh min-nases tar-Reġina Eliżabetta.

F'dan il-kastell hawn ħafna bini sabiħ, storiku u qadim: hawn il-kappella ta' Santa Margerita mibnija fis-seklu tlittax, u waħda mill-aktar antiki fl-Iskozja; hawn il-Batterija *Half Moon*, mibnija flok it-torri li s-Sultan David kien waqqaf fis-sena 1367; hawn il-Monument Nazzjonali għal dawk li mietu fil-gwerra, wieħed mill-isbaħ monumenti fid-dinja; hawn l-appartamenti rjali bix-xettru u l-kuruna u d-dehbijiet u fided tar-Rejiet Skoċċiżi ta' ilu; hawn il-Palazz tal-Gvernatur, dar sabiħa mibnija fil-bidu tas-seklu tmintax. Imma aħna nibdew mill-Armerija; ejjew nidħlu fiha.

Din sala kbira ġmielha u bħalma taraw fiha ġabra ta' armi, mid-*dirk* u *claymore* Skoċċiżi sa *machine gun* modern. Iżda din is-sala mhux dejjem kienet armerija; fl-antik nett kienet isservi bħala parlament fejn ir-Rejiet kienu jiġbru l-kbarat u l-mexxejja tal-poplu; imbagħad bdew jinqdew biha bħala sala ta' l-ikel.

Bħala *Banqueting Hall* tal-kastell, din is-sala laqgħet taħt is-saqaf tagħha l-aqwa persunaġġi li għexu f'din il-belt jew ġew iżuruha, u rat jintasbu ma' dwar l-imwejjed tagħha ġemgħat ta' nies l-aktar magħrufa, f'ċirkustanzi l-aktar storiċi tal-pajjiż.

Gibu quddiem għajnejkom din is-sala kbira, b'mejda twila twila mgħobbija b'ikel u xorb, imgħammra bil-fided, imżejna bil-ward u mdawla b'mijiet ta' xama' f'kandelabri tal-fidda. Ir-Re f'ras il-mejda u madwaru ministri, ġenerali, *lairds* u *caterans* Skoċċiżi bil-geżwira u tartan ta' bosta lwien. Kamrieri u sefturi deħlin u ħerġin inewwlu dixxijiet kbar daqs rota ta' karettun mimlijin bi ċriev, ċingjali jew fagani jdaħħnu bi fwieħa taqsam, filwaqt li l-koppieri l-ħin kollu jferrgħu l-inbejjed u jimlew it-tazzi tal-mistednin; l-orkestra ddoqq minn fuq il-palk li hemm f'tarf is-sala u kull mita tehda l-orkestra, iċ-ċirimelli joħorġu jduru ma' dwar il-mejda jdoqqu ċ-ċirimelli tagħhom. Dehra

bħal dik tgħaxxaq lil kull bniedem li għandu sens romantiku, iżda min iħobb l-arti għandu jitlef għaqlu wara l-ġmiel tas-saqaf ta' din is-sala.

Ħarsu lejh sewwa, taraw dan is-saqaf tal-għuda jinfirex fuq ħafna rfied u ħnejjiet gotiċi bil-kolonni tagħhom imdendlin fl-arja; dawn il-ħnejjiet jidhru qishom imdendlin mas-saqaf u mhux iwieżnu s-saqaf kif tassew huma, tarawhom minsuġin u mselslin flimkien hekk bil-għaqal qishom kannizzata jew qishom stalaktiti miżbugħin kannella u jekk tħarsu sewwa lejhom taraw li dawn il-pilastri u kolonni u ħnejjiet u borduri huma kollha maħdumin bil-għaqal u mnaqqxin b'sengħa kbira."

"X'tagħmlulu lis-saqaf biex ma tiklux is-susa?" staqsejt jiena.

Il-gwida dar bil-herra u ħares lejja bħal wieħed li donnu ried jaqrali f'moħħi x'ridt infisser bil-mistoqsija tiegħi u wara li dam sieket għal ftit tal-ħin donnu kien italla' u jniżżel jekk iweġibx għall-mistoqsija tiegħi, qalli:

"Sinjur, dan is-saqaf qatt ma tmissu s-susa".

"Dan kif?" erġajt staqsejtu.

Il-gwida deher mifxul u mħawwad u mita rawh hekk dawk li kienu miegħi, xammew li kien hemm xi ħaġa straordinarja u għalhekk staqsewh huma wkoll biex igħidilna x'kienet il-biċċa.

"La susa, la brimb u lanqas dwejjed oħra ma jmissu l-għowwied ta' dan is-saqaf".

"Imma għaliex?" riedu jafu xi tnejn għalenija.

"Jekk ngħidilkom ma temmnunix", qal il-gwida donnu biex jaqta' fil-qasir.

"Issa daħħaltni fil-kurżità u jkollok tgħidilna għaliex is-susa ma tmissux il-għowwied ta' dan is-saqaf", qabżet qalet waħda sinjura li kienet magħna.

Il-gwida qaleb għajnejh 'il fuq u ħa nifs qawwi 'l ġewwa bħal bniedem li jkollu jindaħal għal biċċa xogħol fuq qalbu, imbagħad beda:

"Darba kien hawn kmand ta' dan il-kastell bniedem aħrax u qalil wisq, kellu qalbu ħażina bla ħniena u bla mogħdrija. Dak il-Kastellan ma kien jemmen b'xejn, għalih ma kienx hemm liġi, kien jagħmel li jaqbillu u miskin hu min imerih; bil-qawwa ta' driegħu u bil-ħżunija ta' moħħu kien iwerwer lil kulħadd. In-nies ta' din il-belt kienu jitkexkxu minnu u dawk ta' dawn l-inħawi kienu jitolbu 'l Alla biex ma jersaqx lejhom; ismu kien ibażża' lil kulħadd; il-kbar kienu jisħtu l-isem tiegħu u ż-żgħar

kienu jibżgħu jekk jisimgħu bih.

Dak il-Kastellan kien jagħmel kif idoqqlu moħħu bla ma joqgħod iqis xejn, kien ksir il-għonq mill-agħar, ġellied u qattiel; dlonk kien jinxteħet bin-nies tiegħu fuq xi belt jew raħal qalb il-muntanji u jisraq u jħarbat kulma jsib; għalih ħajjet il-bniedem ma kienet tiswa xejn, aktar kien igħożż il-klieb u ż-żwiemel tiegħu min-nies ta' madwaru. Mhux darba jew tnejn dak il-mingħul keskes, għalxejn b'xejn, il-klieb tiegħu għal xi bidwi jew raħħal u qagħad jieħu gost jarahom iqattgħuh.

Fl-aħħar ħadd ma sata' jiflaħ aktar għal dak il-misħut Kastellan u r-Re ħtieġlu jitqanqal: neħħieh minn kmand tal-kastell u neżżgħu mis-setgħa kollha li kellu; floku ħatar bniedem ieħor, raġel tal-ħaqq u mfaħħar minn kulħadd.

Il-Kastellan għadab meta waslitlu l-aħbar u kif kien mitluf ħalef li jeħles minn dak li r-Re kien laħħaq floku; xtaq li malli s-suċċessur tiegħu jirfes fil-kastell jaħsadlu rasu u jwaħħalha f'lanza fuq il-bieb fejn jaraha kulħadd, imma kien jaf li jekk jagħmel hekk, jiksirha mar-Re u jiġi fil-għali. Il-makakk qagħad jaħsibha u fl-aħħar ġieh f'moħħu kif iwarrab il-Kastellan il-ġdid: jistiednu għal pranzu u jisqih il-velenu.

Dak il-bniedem ta' qalb ħażina ħejja festa kbira biex jilqa' lill-Kastellan il-ġdid fl-ewwel daħla tiegħu fil-kastell. Kien hemm żfin Skoċċiż, logħob, daqq u ġostri, imma l-qofol tal-festa kellu jkun il-pranzu f'din is-sala.

Il-Kastellan kien hejja kollox b'ħażen ta' mingħul: kiseb tosku mill-aktar qawwi u ħalltu ma' l-inbid f'tazza għaliha, imbagħad ftiehem ma' qaddej li sata' jorbot fuqu u baqgħu li malli l-Kmand jegħmeż lill-qaddej, dan iqiegħed it-tazza tal-velenu quddiem il-Kastellan il-ġdid.

Il-pranzu ma setax jirnexxi aħjar; kien hemm ikel li jħajjar u nbid li jitla' fir-ras. Il-mistednin kielu u xorbu kemm felħu, kulħadd kien daħqan u ferrieħi, min jiċċajta u min iħarref xi ħlieqa. Il-kamrieri kienu l-ħin kollu jġibu mill-kċina dixxijiet ta' tisjir ġdid, u s-sefturi, wieħed wieqaf wara kull siġġu tal-mistednin, kienu bla heda jimlew it-tazzi malli s-sinjuri jbattluhom. Wara s-siġġu tal-Kastellan il-ġdid kien wieqaf il-qaddej miftiehem li għandu jnewwel il-velenu.

Fl-aħħar il-Kmand qam u għamel sinjal lil taċ-ċirimelli biex jieqfu, imbagħad qabad tazza f'idu u stieden lill-mistednin biex jixorbu bis-saħħa tal-Kastellan il-ġdid. Wara li xorbu, il-Kmand reġa' qagħad bil-qiegħda u kif kien bil-qaddis, ta' għemża ħafifa

lill-qaddej; dan b'ħeffa ta' berqa ħareġ it-tazza minn taħt il-*plaid* fejn kienet moħbija u qegħedha quddiem il-Kastellan il-ġdid li f'dak il-waqt kien qiegħed iqum bil-wieqfa biex iwieġeb għall-kumpliment.

Il-Kastellan il-ġdid qabad it-tazza minn quddiemu u wara li għollieha qal: "Fil-waqt li nixxiħajr lill-Kmand għal-laqgħa sabiħa li għamilli, nitlobkom tissieħbu miegħi biex nixorbu bis-saħħa tiegħu u nixtiequlu għomor twil u ġid u saħħa", u ressaq it-tazza tal-velenu lejn xuffejh biex jixrobha.

Il-Kmand kellu għajnejh jibru u xufftejh jirtogħdu bit-taqliba li kellu f'demmu. Il-qaddej deher miblugħ u mwerwer. F'nifsa ta' ħin, il-Kastellan il-ġdid kien se jibla' l-inbid li jibagħtu d-dinja l-oħra.

Il-Kastellan fetaħ ħalqu biex jixrob, imma f'dak il-waqt sewwa taqa' brimba mis-saqaf u tiġi ġewwa t-tazza tiegħu. Il-Kastellan warrab bil-ħatfa t-tazza minn quddiem ħalqu u tefagħha ma' l-art. Il-mistednin li raw x'kien ġara, ħadu kollox biċ-ċajt; ħadd minnhom ma għaddielu minn rasu li dik il-brimba kienet ħelset il-Kastellan il-ġdid minn xifer il-mewt u l-biċċa għaddiet f'daħka. Imma l-Kmand ħass l-infern ġewwa fih u għalkemm ħtieġlu jkompli b'wiċċu daħkani sakemm spiċċa kollox, qalbu kienet tferfer bid-dagħdigħa u xbinu tkemmex donnu mċaqlaq mill-ħsebijiet koroh li kienu għaddejjin minn moħħu.

Malli l-aħħar fost il-mistednin telaq u fis-sala ma kienx baqa' ħlief il-qaddejja, il-Kmand nefaħ nefħa qisu barri rrabjat, qabad siġġu, sabbtu ma' l-art u għamlu laqx, imbagħad b'leħen li jriegħed, riedhom igħidulu min fost il-qaddejja kellu d-dmir li jnaddaf is-sala. Ressqulu daqsxejn ta' żagħżugħ imkittef u mdaħħal ġo qoxortu bil-biża' li bilkemm felaħ jieqaf bir-rogħda.

"Dan kien innissu jara li s-saqaf nadif?" staqsa l-Kmand b'għajta ta' bniedem invażat.

"Dan", wieġeb il-kap tal-qaddejja bit-tlaqliq.

Il-Kmand b'saħna tal-biża' qabad ix-xabla li kellu mdendla ma' qaddu u f'leħħa ta' berqa niżel lill-qaddej minn naħa għal oħra u naxru fl-art.

Kull min kien fis-sala twerwer u tbikkem. Il-Kmand, qisu mhux hu, mesaħ ix-xabla fil-geżwira ta' wieħed li nzerta ma' ġenbu, raġa' daħħalha fil-għant u bla kliem u bla sliem telaq biex joħroġ. Iżda s-saħta t'Alla ma dametx ma laħqitu: kif kien imċaqlaq bejn bix-xorb u bejn bid-dagħdigħa li kellu, malli rifes l-ewwel tarġa tal-bieb, tfixkel, stabat ma' l-art, ħabat nagħsu u

baqa' tal-kolp........... .....

Minn dak in-nhar l-ebda brimba jew susa jew nemusa ma resqet lejn dan is-saqaf. Ix-xjuħ tagħna jgħidu li mhux darba jew tnejn fis-sikta ta' bil-lejl raw ir-ruħ ħażina tal-Kmand tnaddaf u tfarfar qalb it-travi u l-għowwied tas-saqaf.

Lilna li ngħixu f'dan il-Kastell ħadd ma jneħħilna minn rasna li sakemm dan is-saqaf jibqa' wieqaf, ruħ dak il-kiefer Kmand iddum bla mistrieħ tnaddaf u tfarfar biex tpatti għal dnubietha u biex ma jiġrix darba oħra dak il-fatt li jkexkex.

Sinjuri, nistħajjilkom f'qalbkom qegħdin tidħku bija u jien ma nlumkomx. Intom tistgħu taħsbu u tifhmu li tridu, biss ftakru li fuq l-injam ta' dan is-saqaf qatt ma tmiss duda. Kull tant xhur wieħed mill-impjegati jitla' fuq sellum u jdur dawra mas-saqaf kollu, iżda qatt ma ra brimb jew susa u qatt ma sab għanqbut jew għabra. Intom tafu li bnadijiet oħra fejn hemm soqfa bħal dan, iridu joqogħdu warajhom; f'Westminster Hall ta' Londra, li għandha s-saqaf tal-għowwied jixbaħ lil dan, hemm impjegati biex is-sena kollha jnaddfu u jfarfru u jeqirdu s-susa, għax jekk ma jagħmlux hekk dak is-saqaf jispiċċa biex jissewwes u jitherra; imma, bħal ma għedtilkom dan is-saqaf tagħna dejjem nadif u safi. Dan kif tfissruh?''

---

## MAL-MEWĠ

(Maqluba mill-Ingliż ta' J. Aquilina)

*Nies aħna sejra mal-mewġ ngħarrxu għall-hena*
*X'imkien.*
*Iżda l-bogħod kemm ngħarrxu w infittxu ma jidher*
*Imkien;*
*L-Hena fis-Sema ma' Alla w il-Qodos u l-Anġli*
*Lejl u nhar;*
*Imma għad li 'l fuq nitħabtu, ħafna jaqgħu*
*Bogħod mid-dar;*
*U jqumu u jaqgħu w iqumu mill-ġdid ftit biss*
*Jilħqu hemm.*
*Għalicx ħafna jitgerrbu w jitbenġlu sa jieshom*
*Jintemm,*
*U jarmu kull ġlieda, ħarsithom imsammra fis-sħab*
*Bi tnehid.*
*Hekk jixbhu lis-sħab bla rieda imġerri sal l-Mewt*
*Tkun is-Sid.*

Ġużi V. Galea
(Student, Kors tal-Liġi).

# Rapport tas-Segretarju, Għaqda tal-Malti (Universita') għas-sena 1947

*(Mgħoddi f'laqgħa tal-25 ta' Frar, 1948)*

Sur President,
Sinjuri,

Nixtieq, qabel xejn, il-lum nilqagħkom f'isem il-Għaqda tal-Malti ta' l-Università. Nilqagħkom bil-pjaċir kollu għax wieħed jista' jara fikom sħabi studenti dawk li s-snin ħallewlhom l-interess mhux biss fl-istudju tax-xjenzi li ser iwassluhom għall-qligħ ta' loqma ħobż bid-dmugħ imxarrba fis-snin li ġejja, iżda wkoll fil-valuri spiritwali li jistgħu jgħinuna biex nibnu ħajja isbaħ qalb il-għera ta' ma' dwarna, ħajja mibnija fuq il-ġmiel, l-imħabba u t-tama li l-bniedem jista' b'xi mod jogħla 'l fuq mill-ħjiena u d-dwejjaq li jħaddnuna minn kullimkien. Ħafna li fl-ewwel snin tal-ħajja universitarja tagħhom kienu magħna, issa ħallewna... mhux għax din hija l-Għaqda tal-Malti, kif iridu jgħidulna, għax kieku kif tfisser li għaqdiet letterarji oħra huma fl-istess ilma? imma x'aktarx għaliex il-fehmiet tagħhom ma jwassluhomx biex jifhmu li fil-ħajja hemm valuri ogħla u isbaħ minn dawk li taħseb biss fuq l-eżami ta' Ġunju ta' ġej. Għalhekk il-lum irrid nilqagħkom u nagħtikom il-merħba, biex tissaħħu fil-fehma tagħkom li timxu 'l quddiem fit-triq tal-fantasija li twassal għall-ġmiel.

Għax igħidu x'igħidu l-materjalisti l-Arti hija s-sejħa li tista' tagħti lid-dinja xaqq dawl li jsabbar qalb id-dlamijiet tal-glieda għall-għajxien. L-Arti tiftaħ il-qalb taż-żagħżugħ u ġġiegħlu jħares b'mod universali, u tnissillu fih l-ispirtu ta' servizz lejn il-bnedmin sħabu: iġġiegħlu jara li mhux li jaqbel imma li jixraq għandu isir. U jekk dan huwa l-idijal li ħafna jsejħu bluha, kienu l-idijali tan-nies il-kbar li mexxew id-dinja 'l quddiem. Li kien għalihom, dawk fost ix-xjenzati li maqtugħin għal kollox mill-idijal, ħallew id-dinja tnin fil-għaks u tifga fil-ġuħ u l-għera.

Ma' tul din is-sena nistgħu ngħidu l-Għaqda mxiet ħafna 'l quddiem fil-ħsieb tagħha li xxerred il-ġmiel kulturali qalb l-istudenti ta' l-Università u mill-Università għall-poplu. Tafu daqsi li kien f'din is-sena li l-Fergħa Drammatika tal-Għaqda meddet l-ewwel passi tal-ħajja tagħha u tatna tliet produzzjonijiet: l-ewwel waħda *Falliment* ta' Bjornson fit-traduzzjoni ta' F. Saliba li kien il-"producer" tagħha wkoll; it-tieni, l-buzzett f'att wieħed ta' N. Biancardi: *l-Awtur*; u t-tielet *Dar ta' Pupa* ta' Henrik Ibsen, fit-traduzzjoni ta' A. Calleja, B.A., LL.D., M.L.A., li l-"producer" tagħha kienet is-sinjurina Ines Soler. Dawn kienu l-ewwel passi tal-Fergħa Drammatika u moralment ħeġġu lill-membri tagħha biex igħaddu 'l quddiem biex isaħħu l-bini tat-Teatru Nazzjonali Malti li jista' jiġi f'tiegħu biss jekk kemm-il-darba jkun hawn atturi, diretturi, producers, etc., Maltin li jkunu jistgħu jmexxu x-xogħlijiet li jinkitbu. Dan ma jfissirx li l-istudenti biss jistgħu jkunu nies teatrali tajbin. Bil-maqlub il-Għaqda tapprezza ħafna l-mod li bih xi nies ta' barra tajba waqqfu

Għaqdiet drammatiċi bil-ħsieb li jibnu tradizzjoni letterarja drammatika, imma fl-istess waqt il-Għaqda ma tistax ma tifraħx li fl-Università hemm żgħażagħ li għandhom għal qalbhom it-tradizzjoni drammatika Maltija, li jistgħu jkunu ta' l-ikbar għajnuna fil-bini ta' tradizzjoni drammatika nazzjonali, bħalma xi wħud mill-istudenti ta' qabilhom kienu l-bennejja ta' biċċa sewwa mit-tradizzjoni letterarja Maltija fil-proża u l-poeżija.

Tliet produzzjonijiet f'sena waħda! Lil dawk kollha li ħadu sehem fihom—u huma biss jistgħu jgħidu xi jfisser ix-xogħol tal-produzzjoni ta' dramm—il-Għaqda tiżżi ħajr u tittama li 'l quddiem jibqgħu jgħinuha.

Ma' tul dis-sena l-Għaqdiet ta' l-istudenti kollha ta' l-Università, magħduda s-S.R.C., fdaw f'idejn il-Fergħa Drammatika l-ħsieb li taħdem biex fl-Università Rjali jkun hemm Sala li barra milli għall-żamijiet taqdi wkoll għat-rikreazzjoni. Fdaw f'idejna mhux li jkollna Sala ta' kull daqs u ta' kull għamla, iżda Sala li tkun l-ikbar possibbli fiċ-ċirkustanzi tal-lum. Mill-propaganda fil-ġurnali kif ukoll mill-ittri uffiċjali li dehru fil-ġurnali wieħed jista' jara li l-Fergħa ma raqditx. Barra mill-propaganda fil-ġurnali hija tkellmet uffiċjalment mar-Rettur biex tfissirlu l-fehmiet tagħha dwar is-Sala, kellha kemm-il "round table conference" ma' l-awtoritajiet kompetenti fosthom ma' l-uffiċjali tad-Dipartiment tat-Tagħlim, u fl-aħħarnett mal-Prim Ministru Dr. Boffa. Il-lum hija kitbet lill-Ministru tar-Rikostruzzjoni u Xogħlijiet Pubbliċi, u għadha tistenna t-tweġiba.

Aħna nifhmu li kull Università li jistħoqqilha l-isem għandu jkollha Sala fejn l-istudenti jistgħu jagħtu xejra oriġinali lill-ħsibijiet tagħhom, u interpretazzjoni lill-għmiel. Għalhekk ħadna gost meta rajna l-Għaqdiet Universitarji kollha jingħaqdu magħna u jafdawlna dan il-kwistjoni ta' Sala fl-Università Rjali.

Biex il-Fergħa Drammatika tkun tista' tilħaq il-għanijiet tagħha aħjar, sar tibdil mill-Kumitat tal-Għaqda, fuq proposta tal-Fergħa, fl-istatut tagħha. Il-Kumitat tal-Fergħa sejjer jingħażel mill-Kumitat tal-Għaqda fl-ewwel laqgħa li dan jagħmel wara l-laqgħa ġenerali. Jista' jingħażel kulħadd, biss ma jistax ikun hemm aktar minn żewġ studenti ta' l-ewwel sena. Dan ma sarx biex jitnaqqas il-leħen ta' l-istudenti ta' l-ewwel sena, iżda x-xogħol tal-Fergħa huwa speċjalizzat u ma tistax tħallih f'idejn nies li għad ma għandhomx esperjenza tiegħu.

It-tixrid tal-għmiel magħluq fil-kliem li sar fid-drama, il-Għaqda ippruvat tagħmlu wkoll fil-poeżija. Il-poeżija waħidha ftit tinqara l-aktar hawn Malta fejn rari tisma' b'wieħed li ħa l-pożizzjoni tiegħu li baqa' jaqra— l-aktar bil-Malti—biex għallinqas moħħu ma jibqax fl-istat ta' meta ħa l-lawrja u jibqa' miexi mal-progress intellettwali li jkun qed isir ma' dwaru. Għax bħala poplu nistgħu ngħidu li ftit huma dawk li ma jikkuntentawx ruħhom b'dak li f'għajnejn in-nies igħaddi. Il-ħsieb oriġinali tal-*Matinée Lyrique* għalhekk kien dak li tressaq il-poeżija b'mod li tingħoġob ukoll minn dawk li ma jħobbuhiex u li jaħsbuha telf ta' żmien. Il-*Matinée Lyrique* kien esperiment u mid-dehra tiegħu l-esperiment mexa mhux ħażin. L-istess kif id-drammi għandhom jibqgħu jsiru, naħseb li hekk ukoll għandhom il-*Matinées Lyriques*.

Bil-ħsieb li jilħaq lill-poplu u xxerrel il-kelma miktuba l-Għaqda qiegħda tippubblika *Leħen il-Malti*—organu letterarju li flimkien ma' *Il-Malti* tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" jagħti lil dawk kollha li jħobbu lil Malta u li jridu jibnu patrimonju ta' ħsibijiet Maltin (għax poplu bla ħsieb huwa bħall-ħmar li jifraħ biss bil-għalf) l-opportunità li jfissru ħsibijiethom quddiem il-pubbliku. *Leħen il-Malti* (Editur: Professur G. Aquilina) ħareġ erba' darbiet.

L-Għaqda xtaqet li tagħmel ukoll laqgħat ta' dibattiment u qari ta' karti qalb l-istudenti, iżda b'sogħba tħoss li f'dawn il-ħwejjeġ mhix dejjem qiegħda ssib l-għajnuna li teħtieġ. Donnu hawn fil-moħħ tal-biċċa l-kbira ta' l-istudenti li dawn il-ħidmiet huma żejda u bla siwi. Bil-maqlub: dawn il-ħidmiet huma meħtieġa ħafna l-aktar meta naraw li fil-ħajja ta' ma' dwarna ħafna jitħaddtu qishom basta qalu xi ħaġa. Din il-ħaġa l-Kumitat il-ġdid għandu jistħarriġha sewwa u nittamaw li l-istudenti jgħinuna billi jattendu għalihom.

Il-Karti ta' l-Eżamijiet tal-Malti li saru fl-Università ttieħdu għand l-istampatur biex joħorġu fi ktieb għalihom. Għalkemm il-ftehim sar għad ma għandniex aħbar ta' meta sejrin jibdew jistampawhom.

Dawn kienu fuq fuq l-attivitajiet tal-Għaqda tal-Malti. Naħseb li jixraq hawnhekk nuru l-pjaċir tal-Għaqda li l-ħidmiet tagħha qegħdin joħorġu 'l-Università minn bejn l-erba' ħitan li jħaddnuha biex jagħtuha post fil-ħajja tal-pubbliku. Sal-lum ftit setgħu fehmu lill-Università għax l-Università kienet maqtugħa għaliha. L-Għaqda trid toħroġ lill-Università fil-qalba tal-poplu biex dan ikun jista' jagħrafha sewwa. U nieħdu gost aktar li l-ħidmiet tal-Għaqda jiġu għalihom nies ta' kull lewn u xeħta politika, għax l-Għaqda ma għandhiex x'taqsam ma' partiti politiċi u ħsibijiet politiċi. Hija biss trid il-ġid ta' l-istudenti u l-edukazzjoni tal-pubbliku billi tmexxi 'l quddiem il-ħidmiet kollha li jistgħu jagħtu lill-poplu Malti libsa xierqa quddiem il-barrani billi tgħin fil-bini ta' tradizzjoni letteraria-kulturali-soċjali qawwija.

Irrid issa nżżi ħajr fl-isem tal-Għaqda lil dawk kollha li għenuna fissena li għaddiet. Nittama li ma nenqos lil ħadd. Lis-Sinjurini Aħwa Abela, M. Aquilina, G. Falzon de Pares, Cora u Evelyn Agius Ferrante u T. Anastasi, għas-sehem li ħadu fid-drammi u l-*Matinée Lyrique*; lis-Sinjurina Ines Soler, producer ta' *Dar ta' Pupa*; lis-Sinjura Carmen Toledo li ħadmet "Nora" fl-istess dramm; lill-Maestro C. Pace, u lis-sinjuri G. Saliba, is-Segretarju mħeġġeġ tal-Fergħa Drammatika, F. Saliba, J. L. Grech, P. Pace O'Shea, I. Falzon, A. Agius Ferrante, R. Attard, u l-istudentessi u l-istudenti l-oħra kollha li ħadu sehem fil-produzzjonijiet li saru. Jiena nħossni ċert li wisq iktar minn din it-tiżżija ta' ħajr togħġobhom il-konvinzjoni li x-xogħol tagħhom għamluh sewwa, li qdew iddmirijiet tagħhom kif kien jisthoqq.

Ma baqagħlix issa ħlief li nżżi ħajr personalment lil dawk kollha li għenuni fix-xogħol tiegħi: lill-Professur G. Aquilina li dejjem sibtu fid-diffikultajiet li ltqajt magħhom u li kien, aktar minn sħin oħra, il-mexxej għaqli ta' l-istudenti, l-aktar f'dak li jmiss lill-jeddijiet ta' l-istudenti għal Sala rikreattiva fl-Università Rjali; lill-membri kollha tal-Kumitat tal-Għaqda u tal-Fergħa li għarfu jbiddlu d-dmirijiet tiegħi f'ħidma ta' gost.

W. P. GULIA,
*Segretarju.*

# Nisel il-Kliem

*(Jorbot ma' "Leħen il-Malti", Għadd 197-199)*

*AJL* : pl. ajjul. Dil-kelma interessanti għax jagħtiha A. E. Caruana biss u jgħid li tfisser "porcospino", dak l-annimal li aħna nsejħulu b'kelma iktar mexxejja "qanfud". Dil-kelma jien qatt ma smajtha u qatt ma ltqajt ma' ħadd li semagħha. Barbera ma jdaħħalhiex fid-dizzjunarju tiegħu, waqt li Dessoulavy tfixkel x'nisel jibda jagħtiha għax deherlu li m'għandhiex x'taqsam mal-Għarbi *'a'il* "a small mean thing", jew l-Għarbi *għâjil* "a stout youth". Jien norbot din il-kelma mal-Lhudi *'ajil*, li tfisser "muntun", kelma li nsibuha fost inħawi oħra, fil-Kapitlu XXII, v. 13. tal-"Ġenesi". Imbarra mill-Lhudi Bibliku dil-kelma tinsab ukoll fil-Lhudi l-Ġdid u fl-Aramajk, fil-Feniċju u fl-Assir (ajlu). Għaikemm it-tifsira Lhudija ma taqbelx mat-tifsira Maltija, ta' min jiftakar li ismijiet il-bhejjem, it-tjur u l-ħxejjex bosta drabi jfissru bhima, tajra jew siġra oħra meta jgħaddu f'ilsien ieħor.

*AMMAN* (avv. temporali) : Skond Vassalli "*questa dizione non è propria significazione ma soltanto denota tempo e da lui determina il tempo*". L-istess igħid Falzon li ikkopja 'l Vassalli. Skond Caruana *amman* turi żmien li ġej imma għadu fil-bogħod waqt li "meta" turi żmien li ġej u dalwaqt jasal. Vassalli jagħti dawn l-eżempji li ġejjin : "amman f'nofs in-nhar; amman għall-għasar; amman għal filgħaxija; (futur qarib)" u "amman meta tikber; amman fi xjuħitna (futur fil-bogħod"). Għawdex smajtu użat mingħand waħda mir-Rabat li kienet tiftakar 'l ommha tgħid "imbagħad għal amman naraw". F'Ħal Luqa jgħidu "għal amman niltaqgħu", jiġifieri "għal fil-għaxija". Issa niġu għan-nisel. Barbera jnisslu ħażin mill-Għarbi *amâm* "before, in front of", waqt li Dessoulavy isemmi aktar minn nisel wieħed imma ma jgħidx il-fehma tiegħu dwar liema għandna nagħżlu. Dawn huma *'ammâl* "at present", jew *'abbân* "beginning; propitious time", jew *'ummâl* (minn 'amala, "to hope"), jew *fi 'amâni* "in safety". Mill-kelmiet li Dessoulavy jagħti nisel il-kelma Maltija huwa *'ammâl* "at present" kif naraw mis-sens temporali fil-

Malti u fl-Gharbi, kif ukoll mill-użu sintattiku taż-żewġ kelmiet. Il-bidla ta' *l* f'*n* hija ħaġa komuni. Għall-użu temporali tal-Għ. *'ammâl* fid-djalett tas-Sirja qb. dis-sentenza megħtija minn Hava fid-dizzjunarju tiegħu: " 'ammâl we 'amm jaktub (he is writing at present"). Feghali fil-ktieb tiegħu "Syntaxe de Parlers Arabes Actuels du Liban" (Paris, 1928, p. 44) jagħti dawn l-eżempji li ġejjin: "xaf za'lma qa'ed u 'emmâl jexrob 'arkile" (ra raġel waqt li kien qed ipejjep il-pipa). Qb. ukoll *'ammâl fi*, frażi li tingħad Tuneż fis-sens ta' "qui est en passe, qui est sur le point de" (Beaussier). Għalhekk jekk noqogħdu għan-nisel għandna niktbu *għamman* (flok *għammâl* mill-verb *għamel*) u mhux *amman*.

*ALLAW*: Dil-kelma jagħtiha Vassalli bħala forma ta' l-Imperativ plural u jfissirha "ite cito, properate, celeriter agite". Falzon ma jagħtihiex imma Caruana jdaħħalha taħt il-kelma *Alla*, u jġib magħha bħala verbi l-istess kelma *alla* u *jalla* fis-sens li ta Vassalli. Imma jien ma jidhirlix li dat tliet kelmiet għandhom jingħataw flimkien. Għax waqt li l-ewwel żewġ kelmiet huma "Alla" (God) fis-sens vokativ, it-tieni waħda b'*ja* quddiema (flok *ja Alla*) li ismu jissejjaħ biex dak li jkun jagħmel il-qalb, *allaw* tidher li hija varjazzjoni ta' l-imperativ qadim "talaw" (come on, come here) bl-ewwel konsonanti *t* imwaqqgħa u t-tieni konsonanti mtennija għas-saħħa. L-imperativ ta' *alla* kif jagħtih Caruana kien ikun *allu* u mhux *allaw*. Qb. *ħallu*, imp. ta' *ħalla*, *għallu*, imp. ta' *għalla*. *Talaw* li *allaw* għedna li hija t-tibdila tagħha tiġi s-sitt sura tal-verb *għala*, li tiġi *tgħâla* li meta tinhemeż ma' l-avverb'u *haw* (here) kif jiġri fit-taħdit imgħaġġel, tagħti *tgħalhaw*, u kif tidher fid-dizzjunarju *talaw*. Fi tfuliti il-Munxar, smajt xjuħ isejjħu lit-tfal *tgħâl hawn*; li f'widnejja kienet iddoqq *ta' 'l hawn*. Fl-Isqalli nsibu l-kelma *talée*, imperativ fissens ta' *ħares*, mill-verb Għarbi li semmejna. F'Hava u R. Kazimirsky taħt il-verb *'ala (w)* "to go up" jagħtu *ta' âla* "come on" (viens).

*BELLUS*: Dessoulavy jġibha mill-Għarbi (1) *balâs* "a horse-cloth" u Barbera minn (2) *bulus*, pl. ta' l-istess kelma li fil-Malti kienu jsiru (1) *blies* u (2) *bolos*. Jien innissel il-kelma Maltija mil-Latin *villus* "shaggy hair" mnejn ħareġ

l-aġġettiv *vellutus*, "hairy", li minnu skond Zingarelli, ħareġ in-nom Taljan *velluto*, u skond il-*Concise Oxford Dictionary* il-kelma *velvet*, maħruġa mil-Latin medjevali *vellutum*, u minn ras il-għajn *villus*. Il-bdil ta' *v* ma' *b* hu skond il-fonetka Semitika. Dil-kelma Latina daħlet fil-Malti jew mill-Magħreb jonkella saret Malta fuq il-widna Semitika. Qb. għax-xebh M. *fellus* mil-Latin *pullus*.

*KAGHBURA* : Dil-kelma, li ma tinsabx fid-dizzjunarji Maltin, smajtha Għawdex bħala tagħjira bit-tifsira ta' "mara xiħa" u flok *kagħbura* ġie li smajt ukoll il-kelma *kagħba* bl-istess sens. Fil-Għarbi nsibu *ka'bara* li R. Kazimirsky jfisser "femme grosse et mal faite".

*TAPARSI* (jew *tapari*) : Barbera jnissel dil-kelma mill-Isqalli *ntupari* jew *ntupparsi* : "nascondersi la faccia con un velo e quindi il senso Siciliano; agire simulatamente o copertamente; quindi il Maltese non è un avverbio ma bene un verbo che ha perduto il suo significato originale". Imma l-kelma Maltija hija l-kelma Sqallija *mparissi* li tintuża bħala avverbju fis-sens ta' "con finzione; simulatamente" (Mortiliaro). Għall-ewwel sillaba *ta'* qb. kliem bħal *ta' bi sħab*, *ta' bis-sod*, *ta' bil-ħaqq* eċċ., li minnhom naraw li *ta'* tinhemeż fil-bidu ta' forom avverbjali. Hekk *taparsi* jiġi li ħarġet mill-forma ewlenija mħallta *ta' mparissi*.

*MOXX* : Fl-Isqalli nsibu l-aġġettiv *mu'sciu* fis-sens ta' "tra passo e fresco, mezzo asciutto", li jaqbel mal-Malti. Iżda ma' l-aġġettiv "moxx' użat l-aktar mal-kelma *ġobon* (*ġbejna moxxa*, *ġobon moxx*), qb. ukoll l-Għarbi *mixx* "sorte de fromage qu'on tire du babeurre et de lait caillè" (Dozy).

*MQAREB* : Barbera jġebbed in-nisel hekk : "*muqârib* : letteralmente avvicinato, che è posto vicino; donde il senso per estensione e Siciliano di fastidioso, perchè sempre vicino e attaccato ad una persona o cosa., apportando alla noia". Għas-sens Malti qb. l-Għarbi *muqârib* "mauvais", aġġettiv li fl-Għarbi ta' Spanja kien jingħad ukoll għal xi ħaġa. Qb. *xej muqârib* "mala cosa", eżempju mogħti minn Dozy meħud minn Pedro de Alcalà.

Ġ. Aquilina

# Reċensjonijiet

**AN INTRODUCTION TO MALTESE FOLK-LORE** by Jos. Cassar Pullicino, with a foreward by Professor J. Aquilina B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.); Malta, The Allied Malta Newspapers Ltd., 1947, pp. 47.

Is-Sur G. Cassar Pullicino hu magħruf biżżejjed mill-kitba tiegħu fis-*Sundial*, f'*Leħen il-Malti* u fit-*Times of Malta* bħala wieħed mill-aħjar studjużi, jew bħala l-aqwa studjuż, tal-*folk-lore* Malti, u bħala żagħżugħ li qiegħed jitħarreġ tajjeb u jifkisser tajjeb fix-xogħol wiegħri tat-tiftix fl-istorja qadima, miktuba u mhix miktuba, ta' Malta. F'dan il-ktejjeb, miktub sfiq, jiġbor damma ta' artikoli li kienu deħru fis-*Sunday Times of Malta*.

Il-kelma "folk-lore" tfisser "tagħlim tal-poplu", u biha nifhmu l-ġemgħa ta' fehmiet, drawwiet, twemmin li tnisslu mill-poplu bla skola, kibru miegħu, saru ħaġa waħda miegħu u baqgħu dejjem għaddejjin minn nisel għal nisel. Il-*folk-lore*, li għal min ma jifhimx mhux ħlief ħmerijiet u bluhat u telf ta' żmien, jurina, qisu f'mera, ruħ il-poplu bla skola, moħħ mhux imħarreġ bit-tagħlim, qalb li tħoss u tibża' u temmen kull ma l-moħħ imqarraq igħidilha. F'kelma waħda l-*folk-lore* hu s-saff ta' isfel nett tal-kultura ta' poplu, u għalhekk ma nistgħux nistmu lluh jekk irridu nagħarfu barra mill-ġrajja l-ħajja kulturali ta' misserijietna meta moħħom kien għadu mhux imdawwal mit-tagħlim tal-kotba.

L-ewwel wieħed li ġietu l-ħerqa jiġbor il-*folk-lore* Malti kien il-Ġeżwita Patri Manwel Magri, li ġabar ħafna ħrejjef qodma u għidud fuq it-temp u fuq ix-xhur. Cassar Pullicino mexa fi triq oħra. Flok ma kixef ħrejjef oħra jew għidud ieħor qadim, minsi u moħbi f'xi rokna bgħida ta' Malta jew Għawdex, ġabar element ieħor, element li jidher, li jafu kulħadd, imma li ħadd qatt ma ta kas tiegħu, jiġifieri logħob u għana tat-tfal, ħwejjeġ moħġaġa, sħarijiet u tagħjin, xi ħrejjef, mard u duwa. U minn dawn kollha ġabar ftit biss bħala turija ta 'dak li jista' jsir, imma dak li ġabar ġabru bir-reqqa kollha, u kull ma jsemmi jgħidilna fejn semgħu u kif igħidluh band'oħra.

L-istudju tal-*folk-lore* wieħed jista' jidħol għalih minn bosta toroq. Wieħed jista' jistudja l-*folk-lore* fih innifsu biex jikxef biss ruħ il-poplu matul is-snin. Jista' jqabblu mal-*folk-lore* ta' popli oħra biex jikxef ir-rbit bejn poplu u ieħor (studju komparativ). Jista' wkoll jiġbor il-kliem qadim, il-lum forsi minsi, u jifli l-kostruzzjoni grammatikali Maltija meħlusa mill-influwenza ta' ilsna barranin (studju lingwistiku). Sa nagħżel xi ftit minn dal-kliem minsi biex nuri x'jiswa l-istudju tal-*folk-lore* Malti.

Faċċ. 40: *Qarnita, ja qarnita, irqejtek u aktar inqorr.* Żewġ verbi li t-tifsir tagħhom intesa jew tbiddel. Il-verb *reqa* jew *raqa*, skond id-Dizzjunarji, ifisser "tikkura s-suffejra". Imma t-tifsira ewlenija hi "tneħħi l-magħmul, l-ispirtu ħażin, bis-suffejra, bis-sħarijiet, jew b'xi għamil ieħor". Għalhekk tajjeb ifisser bl-Ingliż Cassar Pullicino "I have exorcised you". Il-verb *inqorr* donnu xi taħsira tal-verb *reqa'* li jagħtina *nirqi*, miżjuda mal-verb *irqejtek* għall-emfasi, jiġifieri s-sens hu: "I have

exorcised you and I exorcise you again". U dan jidher li hu s-sens li jagħtih Cassar Pullicino. "I shall do so again". Imma fil-Għarbi hemm il-verb *qarr* li jfisser "għamel u reġa' għamel", u dan jagħtina x'naħsbu li l-verb *nqorr* mhux taħsira tal-verb *nirqi*, imma l-verb *qarr* li ntesa għal kollox u baqa' ħaj biss f'din il-formula ta 'eżorċismu. Fl-istess faċċata hemm il-kliem "nirqik, nerġa' nirqik"; is-sens hu l-istess, imma l-verbi mhumiex l-istess.

Faċċ. 16: "Makkagħha m'għajnejk". Ħaġa kurjuża! Il-verb "makkagħ" l-ebda Dizzjunarju Malti ma jġibu għalkemm għadna ngħiduh. Nużawha f'das-sens "immakkagħhielek ma' wiċċek" jiġifieri, inwaddabhielek, inċappashielek, inħokkhielek ma' wiċċek. Aktarx li l-verb hu l-istess verb *miegħek* bil-konsonanti mqallbin.

Żewġ versi 'l isfel hemm il-kelma "ħafniet" li hi l-plural ta' "ħafna" li bħala nom tfisser "a handful", għalkemm hi aktarx dejjem użata bħala avverbju.

Faċċ. 15 il-kelma "*qbur*" hi l-plural ta' *qabar*, iżda aktarx li hi użata flok is-singular minħabba r-rima.

Fl-aħħar tal-ktieb hemm werrej ta' l-ismijiet u tal-ħwejjeġ l-aktar importanti li jissemmew fil-ktieb, bħalma fihom il-kotba kollha ta' kalibru xjentifiku.

P. P. SAYDON.

---

## GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITA')

F'laqgħa li saret fil-25 ta' Frar, 1948, ingħażel dan il-Kumitat għas-sena 1948 :—

*President Onorarju* : L-Onor. Prof. R. V. Galea, O.B.E., D.Sc., A. & C.E., Viċi-Kanċellier u Rettur.
*President* : Prof. G. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.).
*Viċi-President* : G. V. Galea.
*Segretarju* : W. P. Gulia, Ph.C., B.Sc.
*Kaxxier* : J. Brincat.
*Ass. Kaxxier* : M. Gambin.
*Librara* : J. Zarb Cousin u Ġorġ Cassar.
*Membri* : A. Depares u G. Saliba.

## ISSIEHEB

# F"LEĦEN IL-MALTI"

Billi tibgħat 2s. 6d. lill-:

KAXXIER, Għaqda tal-Malti (Università).

Dawk li għadhom ma ħallsux huma mitluba jibagħtu kemm għandhom jagħtu lill-Kaxxier, li jtihom l-irċevuta.

—:0:—

## GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

Il-Kunsill il-ġdid tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" għall-1948 intgħażel hekk:

*Presidenti Onorarji:*

Mons. Dun Karm Psaila, D.Litt. (Hon. Causa);

Prof. Mons. Dun P. P. Saydon, B.Litt., B.L.Can., D.D., Lict. S. Script.

Is-Sur Ġino Muscat Azzopardi;

Prof. Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.);

Mons. Dun Pawl Galea, J.C.D.;

*President*: Il-Kav. Ġużè Galea, M.D., D.P.H.;

*Viċi-President*: Is-Sur Ant. Cremona.

*Segretarju*: Is-Sur Ġużè Chetcuti.

*Teżorier*: Is-Sur Victor Apap;

*Membri*:

Is-Sur Mario Agius;

Dun Frans Camilleri;

Patri Ġ. Delia, S.J.;

Is-Sur George Ransley;

Is-Sur Erin Serracino Inglott;

Is-Sur Karmenu Vassallo;

Patri A. Xerri, O.F.M.;

Is-Sur Walter Zahra;

Is-Sur Godfrey Zarb Adami.

# THE ONLY PEN

**DISTRIBUTORS :—**

**"THE CRITERION"**




# Parker

**34, Kingsway — Valletta.**